# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

25 ta' Ġunju 2015*

"Għajnuna mill-Istat — Assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni — Kopertura ta' riassigurazzjoni mogħtija minn impriża pubblika lis-sussidjarja tagħha — Kontribuzzjonijiet fil-forma ta' kapital sabiex ikopru t-telf tas-sussidjarja — Kunċett ta' għajnuna mill-Istat — Imputabbiltà lill-Istat — Kriterju ta' investitur privat — Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawża T-305/13,

**Servizi assicurativi del commercio estero SpA (SACE)**, stabbilita f'Ruma (l-Italja),

**Sace BT SpA**, stabbilita f'Ruma,

irrappreżentati minn M. Siragusa u G. Rizza, avukati,

rikorrenti,

sostnuti minn

**Ir-Repubblika Taljana**, irrappreżentata minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

intervenjenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn G. Conte, D. Grespan u K. Walkerová, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/525/UE, tal-20 ta' Marzu 2013, dwar il-miżuri SA.23425 (11/C) (ex NN 41/10) implimentati mill-Italja fl-2004 u l-2009 favur is-Sace BT SpA (ĠU 2014, L 239, p. 24),

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn M. van der Woude (Relatur), President, I. Wiszniewska-Białecka u I. Ulloa Rubio, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-9 ta' Diċembru 2014,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Servizi assicurativi del commercio estero SpA (SACE) u s-sussidjarja tagħha 100 %, Sace BT SpA, huma attivi fis-settur tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, jiġifieri tal-assigurazzjoni tar-riskji marbuta ma' krediti għall-esportazzjoni li jiffinanzjaw tranżazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea kif ukoll ma' diversi pajjiżi terzi.

*Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni*

2 Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ħarġet, fid-19 ta' Settembru 1997, avviż indirizzat lill-Istati Membri, skont l-Artikolu [108(1) TFUE] dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 TFUE] u [108 TFUE] [għall-]assigurazzjoni ta' esportazzjonijiet bi kreditu ta' żmien qasir (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 147, iktar 'il quddiem l-"Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni"). Dan l-avviż, kif emendat bl-avviżi lill-Istati Membri tal-2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 106) u tal-2005 (ĠU C 325, p. 22), kien applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2012 wara li saret emenda li taffettwa l-perijodu ta' applikazzjoni tiegħu permezz tal-Avviż tal-2010 (ĠU C 329, p. 6). Fil-punt 4.2 ta' dan l-Avviż, il-Kummissjoni kienet stiednet lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 93(1) tat-Trattat (li sar l-Artikolu 88(1)KE u sussegwentement l-Artikolu 108(1) TFUE), sabiex jemendaw is-sistemi tagħhom ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni fil-qasam tar-riskji trasferibbli, b'tali mod li l-organi privati jew pubbliċi ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni ma jkunux jistgħu jibbenefikaw iktar, għal dawn ir-riskji, minn għajnuna mill-Istat fil-forma b'mod partikolari ta' garanziji mill-Istat li jkopru self jew telf, ta' kontribuzzjonijiet fil-forma ta' kapital f'ċirkustanzi inaċċettabbli għall-investitur privat fl-ekonomija tas-suq jew ta' servizzi ta' riassigurazzjoni pprovduti mill-Istat direttament jew indirettament, permezz ta' organu ieħor ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni jew li jaġixxi bl-appoġġ tal-Istat, taħt kundizzjonijiet inqas favorevoli minn dawk tas-suq ta' riassigurazzjoni privata.

3 Ir-riskji trasferibbli ġew iddefiniti fl-ewwel paragrafu tal-punt 2.5 tal-Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif emendat mill-Avviż tal-2001, "bħala [riskji] kummerċjali u politiċi fuq debituri pubbliċi u mhux pubbliċi stabbiliti fil-pajjiżi mniżżla f'lista fl-Anness. Għal riskji bħal dawn il-perjodu massimu ta' riskju (jiġifieri, perjodu ta' fabbrikazzjoni magħdud mal-perjodu ta' kreditu b'punt tal-bidu tal-Bern Union normali u l-perjodu ta' kreditu tas-soltu) huwa inqas minn sentejn.". It-tieni paragrafu tal-punt 2.5, tal-Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, kif emendat mill-Avviż tal-2001, jispeċifika, barra minn hekk, li "[i]r-riskji l-oħra kollha (jiġifieri, riskji katastrofiċi u riskji kummerċjali u politiċi fuq pajjiżi mhux mniżżla f'lista fl-Anness) huma kunsidrati bħala li għadhom m'humiex marketable [trasferibbli]." Il-lista tal-pajjiżi b'riskji trasferibbli tinkludi l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, kif ukoll tal-pajjiżi tal-OECD.

*SACE*

4 Qabel it-trasformazzjoni tagħha fl-2004 f'kumpannija b'responsabbiltà limitata, SACE kienet l-organu stabbilit taħt id-dritt pubbliku Taljan, l-istituto SACE. Fl-1998, bil-għan li tikkonforma ruħha mal-punt 4.2 tal- Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni (ara l-punt 2 iktar 'il fuq), l-istituto SACE waqfet l-attività tagħha ta' assigurazzjoni tar-riskji trasferibbli li jikkonċernaw il-kuntratti ta' assigurazzjoni diretta.

5 Fl-2004, SACE ġiet ittrasformata f'kumpannija b'responsabbiltà limitata li tagħha kien soċju uniku l-ministeru Talnjan tal-ekonomija u l-finanzi (iktar 'il quddiem il-"MEF"). Sussegwentement, f'Novembru 2012, SACE ġiet akkwistata mil-Cassa depositi e prestiti, organu pubbliku Taljan ikkontrollat sa 70 % mill-MEF.

6 Skont l-Artikolu 4(1) tal-Istatuti tagħhom, SACE għandha bħala l-għan statutorju tagħha l-assigurazzjoni, ir-riassigurazzjoni, il-koassigurazzjoni u l-garanzija tar-riskji ta' natura politika, tar-riskji ta' katastrofi, ta' riskji ekonomiċi, kummerċjali u ta' kambju, kif ukoll riskji kumplementari li huwa esposti għalihom l-operaturi Taljani u l-kumpanniji li huma marbuta magħhom jew li huma jikkontrollaw, fil-kummerċ tagħhom mal-barrani u l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija Taljana. Skont l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija statuti, SACE għandha bħala l-għan tagħha wkoll il-provvista, fiċ-ċirkustanzi tas-suq u b'osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ta' garanziji u ta' koperturi ta' assigurazzjoni lil impriżi barranin fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' portata strateġika għall-ekonomija Taljana fid-dawl tal-internazzjonalizzazzjoni, tas-sigurtà ekonomika u tal-attivazzjoni tal-proċess tal-produzzjoni u ta' impjieg fl-Italja.

7 Id-digriet-liġi Nru 269 tat-30 ta' Settembru 2003, ikkonvertit, wara emendi, fil-liġi Nru 326, tal-24 ta' Novembru 2003, li l-Artikolu 6 tagħha jinkludi d-dispożizzjonijiet marbuta mat-trasformazzjoni, sa mill-1 ta' Jannar 2004, tal-istituto SACE f'kumpannija b'responsabbiltà limitata (ara l-punt 4 iktar 'il fuq), iddelimita t-tranżazzjonijiet ta' SACE, billi ħa inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tas-suq ikkonċernat.

8 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(12) tad-digriet-liġi Nru 269 awtorizza b'mod partikolari lil SACE topera, taħt ċerti kundizzjonijiet, fis-settur tar-riskji trasferibbli. Fil-fatt, dan l-Artikolu jiddikjara b'mod partikolari li:

"Il-kumpannija SACE SpA tista' teżerċita attivitajiet ta' assigurazzjoni u ta' kopertura tar-riskji trasferibbli, kif iddefiniti mid-dritt tal-Unjoni. L-attivitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu huma eżerċitati billi ssir komptabbiltà distinta minn dik marbuta mal-attivitajiet li jibbenefika mill-garanzija tal-Istat jew billi jikkostitwixxu [kumpannija b'responsabbiltà limitata] għal dan l-għan. F'dan l-aħħar każ, il-holding miżmum minn SACE SpA ma jistax ikun inqas minn 30 % [u ċerti fondi kkontribwiti preċedentement] ma jistgħux jintużaw għas-sottoskrizzjoni tal-kapital tagħha. [L-attività ta' kopertura tar-riski trasferibbli] ma tibbenefikax mill-garanzija mill-Istat."

9 L-Artikolu 5(1) tal-Istatuti ta' SACE jipprevedi li l-obbligi assunti minn din il-kumpannija fl-eżerċizzju tal-attività tagħha fis-settur tal-assigurazzjoni, tal-koassigurazzjoni u tal-garanzija tar-riskji ddefiniti bħala riskji mhux trasferibbli mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jibbenefikaw mill-garanzija mill-Istat abbażi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Din l-istess dispożizzjoni tispeċifika li l-attivitajiet li jibbenefikaw mill-garanzija mill-Istat huma suġġetti għad-deliberazzjonijiet tal-Comitato interministeriale per la programmazione economica (kumitat interministerjali tal-programmazzjoni ekonomika, iktar 'il quddem is-"CIPE"), b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tad-digriet leġiżlattiv Nru 143, tal-31 ta' Marzu 1998, li jiddefinixxi mill-ġdid il-garanzija applikabbli għal SACE skont il-liġi Taljana Nru 227, tal-24 ta' Mejju 1977. Skont l-Artikolu 2(3) tad-digriet leġiżlattiv Nru 143, it-tranżazzjonijiet u l-kategoriji tar-riskji li SACE tista' tassumi għandhom jiġu ddeterminati mis-CIPE. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(1) ta' dan id-digriet leġiżlattiv jipprevedi li, sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, is-CIPE għandha tiddelibera fuq il-pjan ipproġettat tal-impenji ta' assigurazzjoni ta' SACE. Il-liġi dwar l-approvazzjoni tal-baġit tal-Istat tiddefinixxi l-limiti globali tal-impenji li jibbenefikaw mill-garanzija, billi tagħmel distinzjoni bejn il-garanziji skont jekk il-perijodu tagħhom ikunx ta' inqas jew iktar minn erba' u għoxrin xahar.

10 L-Artikolu 5(2) tal-Istatuti ta' SACE jeskludi mill-garanzija mill-Istat l-attivitajiet ta' din tal-aħħar fis-settur tal-assigurazzjoni u tal-garanzija tar-riskji trasferibbli. Dan jipprevedi li dawn l-attivitajiet għandhom jiġu eżerċitati minn din il-kumpannija jekk billi ssir komptabbiltà separata, jew billi tiġi stabbilita kumpannija b'responsabbiltà limitata għal dan l-għan.

*Sace BT*

11 Fl-2004, fil-kuntest leġiżlattiv imfakkar fil-punti 8 sa 10, iktar 'il fuq, SACE iddeċidiet li tikkostitwixxi s-sussidjarja Sace BT, bħala entità distinta, b'mod li tissepara l-ġestjoni tar-"riskji trasferibbli" fis-sens tal-Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni. Sace BT ingħatat kapital azzjonarju ta' EUR 100 miljun, iffinanzjat fl-intier tiegħu minn SACE. Barra minn hekk, SACE wettqet trasferiment ta' kapital, fl-ammont ta' EUR 5.8 miljun, lejn il-fondi ta' riżerva ta' Sace BT.

12 Skont l-Artikolu 2(1) tal-Istatuti tagħha, Sace BT għandha bħala l-għan statutorju tagħha l-eżerċizzju, kemm fl-Italja kif ukoll barra minnha, tal-attività ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni fil-fergħat kollha ta' preġudizzju, fil-limiti stabbiliti mill-awtorizzazzjonijiet speċifiċi. Skont l-Artikolu 15(3) tal-imsemmija statuti, il-membri tal-bord tad-diretturi għandhom jiġu maħtura u mneħħija mill-laqgħa ġenerali. Skont l-Artikolu 17 ta' dawn l-istatuti, il-ġestjoni ta' Sace BT hija responsabbiltà esklużiva tal-membri tal-bord tad-diretturi.

13 Mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-20 ta' Marzu 2013, dwar il-miżuri SA.23425 (11/C) (ex NN 41/10) implimentati mill-Italja fl-2004 u l-2009 favur is-Sace BT SpA (ĠU 2014, L 239, p. 24, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") jirriżulta li, waqt il-perijodu rilevanti, l-attivitajiet ta' Sace BT kienu mifruxa madwar tliet pernijiet: il-fergħa "assigurazzjoni tal-kreditu" (54 % tal-primjums fl-2011), il-fergħa "garanziji" (30 %) u l-fergħa relatata mas-setturi l-oħra marbuta mar-riskji tal-kostruzzjoni (13 %).

14 Fil-kuntest tal-fergħa "assigurazzjoni tal-kreditu", Sace BT kienet attiva fil-qasam tal-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir fir-rigward tar-riskji trasferibbli, fis-sens tal-Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni. Barra minn hekk, il-kumpannija tipproponi kopertura ta' assigurazzjoni tal-kreditu għat-tranżazzjonijiet mwettqa fl-Italja (assigurazzjoni tat-tranżazzjonijiet kummerċjali nazzjonali). Barra minn hekk, Sace BT kompliet tiddedika parti żgħira mill-portafoll tagħha għall-fergħa tar-riskji mhux trasferibbli fi żmien qasir (ara l-premessa 22, tabella 1, tad-deċiżjoni kkontestata). Id-deċiżjoni kkontestata tindika li, skont l-informazzjoni kkomunikata mill-awtoritajiet Taljani, din l-attività kienet eżerċitata skont il-kundizzjonijiet tas-suq u mingħajr garanzija mill-Istat, bħall-attivitajiet l-oħra.

*Il-proċedura amministrattiva u d-deċiżjoni kkontestata*

15 Wara lment riċevut f'Ġunju tal-2007, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni preliminari li tikkonċerna għajnuna mill-Istat eventwali li tista' tirriżulta minn diversi miżuri implementati minn SACE favur Sace BT. Fi Frar tal-2011, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' eżami formali skont l-Artikoli 108(2) TFUE fir-rigward tal-erba' miżuri li ġejjin, adottati favur Sace BT:

— l-għoti ta' kapital inizjali fl-ammont ta' EUR 100 miljun, fil-forma ta' kapital azzjonarju, u l-kontribuzzjoni ta' kapital fil-fondi ta' riżerva fl-ammont ta' EUR 5.8 miljun, imwettqa fis-27 ta' Mejju 2004 (iktar 'il quddiem l-"ewwel miżura");

— kopertura ta' riassigurazzjoni li tmur lil hinn mid-dannu għar-riskji trasferibbli tas-sena tal-2009, mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2009 u li tirrigwarda l-parti tar-riskji (ikkalkulata għal 74,15 %) mhux koperta minn atturi terzi li joperaw fis-suq (iktar 'il quddiem it-"tieni miżura");

— kontribuzzjoni f'kapital ta' EUR 29 miljun, mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2009 (iktar 'il quddiem it-"tielet miżura");

— kontribuzzjoni f'kapital ta' EUR 41 miljun, mogħtija fl-4 ta' Awwissu 2009 (iktar 'il quddiem ir-"raba' miżura").

16 Peress li dawn l-erba' miżuri ma ġewx innotifikati lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet Taljani kkunsidraw, minn naħa, li dawn ma kinux imputabbli lill-Istat u, min-naħa l-oħra, li dawn kienu konformi mal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq.

17 Wara l-proċedura ta' eżami formali, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, fl-20 ta' Marzu 2013.

18 Sabiex turi l-imputabbiltà tal-miżuri inkwistjoni lill-Istat Taljan, il-Kummissjoni tibbaża ruħha, fil-premessa 177 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq kriterji ġenerali, relatati mar-rabtiet organiċi bejn il-membri tal-bord tad-diretturi ta' de SACE u l-Istat Taljan, maċ-ċirkustanza li SACE ma teżerċitax l-attivitajiet tagħha fil-kundizzjonijiet tas-suq u mal-fatt li l-liġi tipprevedi li SACE għandha żżomm tal-inqas 30 % mill-kapital ta' Sace BT. Barra minn hekk, fil-premessa 178 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tinvoka indizji speċifiċi li jikkonsistu f'dikjarazzjonijiet imwettqa minn membri tal-bord tad-diretturi ta' SACE waqt l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

19 Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ, il-Kummissjoni tikkunsidra qabel xejn, fil-premessi 127 sa 130 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-tieni miżura tikkonferixxi vantaġġ lil Sace BT, peress li persuna privata li toffri riassigurazzjoni ma kinitx tissottoskrivi kopertura ta' riassigurazzjoni hekk elevata favur tagħha, bil-kundizzjonijiet mogħtija minn SACE. Sussegwentement, fir-rigward tat-tielet u r-raba' miżura, il-Kummissjoni tikkunsidra, fil-premessi 132 sa 168 tad-deċiżjoni kkontestata, li SACE ma aġixxietx bħala investitur privat informat. Hija tallega prinċipalment li din il-kumpannija ma wettqitx evalwazzjoni preliminari dwar il-profittabbiltà tal-kontribuzzjoniiet f'kapital inkwistjoni. Sabiex tkun eżawrjenti, hija wettqet addizzjonalment analiżi retrospettiv tal-profittabbiltà ta' dawn iż-żewġ miżuri u kkonkludiet li investitur privat kien jikkunsidra bħala iktar vantaġġuża l-possibbiltà li jħalli s-sussidjarja tfalli, milli li jikkontribwixxi EUR 70 miljun addizzjonali.

20 Fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li l-ewwel miżura, jiġifieri l-għoti tal-kapital inizjali u l-kontribuzzjoni lill-fondi ta' riżerva, fl-ammont ta' EUR 105.8 miljun, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għall-kuntrarju, huma kklassifikati bħala għajnuna illegali mill-Istat u inkompatibbli mas-suq intern it-tliet miżuri l-oħra (iktar 'il quddiem il-"miżuri kkontestati"), jiġifieri r-riassigurazzjoni lil hinn mid-danni ta' 74,15 %, li jinkludu element ta' għajnuna li tammonta għal EUR 156 000 (Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata), kif ukoll iż-żewġ kontribuzzjonijiet f'kapital li jammontaw rispettivament għal EUR 29 u għal 41 miljun (Artikoli 3 u 4 tad-deċiżjoni kkontestata).

21 Skont l-Artikoli 5 u 6 tad-deċiżjoni kkontestata, l-awtoritajiet Taljani huma obbligati li jirkupraw immedjatament mingħand Sace BT l-għajnuna imsemmija iktar 'il fuq, miżjuda bl-interessi moratorji komposti, li jiżguraw li d-deċiżjoni kkontestata tiġi eżegwita f'erba' xhur wara d-data tan-notifika tagħha u li jinfurmaw lill-Kummissjoni fix-xagħrejn ta' wara din in-notifika, b'mod partikolari, bl-ammont totali li għandu jiġi rkuprat, bl-ammonti diġà rkuprati u bil-miżuri adottati jew previsti sabiex jikkonformaw ruħhom mad-deċiżjoni kkontestata.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

22 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Ġunju 2013, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

23 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Lulju 2013, ir-Repubblika Taljana talbet li tintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti. Permezz ta' digriet tat-4 ta' Settembru 2013, il-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' din it-talba.

24 Peress illi kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali u l-Imħallef Relatur ġie assenjat lis-Seba' Awla tal-Qorti Ġenerali, din il-kawża ġiet għalhekk assenjata lil din l-Awla.

25 Permezz ta’ att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta’ Frar 2014, ir-rikorrenti ressqet talba għal miżuri provviżorji intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata sad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali relattiva għall-kawża odjerna. Permezz ta’ digriet tat-13 ta’ Ġunju 2014, il-President tal;-Qorti Ġenerali ddeċieda li jissospendi l-eżekuzzjoni tal-Artikolu 5 tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn l-awtoritajiet Taljani kienu obbligati li jirkupraw mingħand Sace BT ammont li jeċċeddi l-ammont ta’ [*kunfidenzjali*][1] (Digriet tat-13 ta’ Ġunju 2014, SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni, T-305/13 R, EU:T:2014:595).

26 Ir-rikorrenti, sostnuti mir-Repubblika Taljana, jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew, sussidjarjament, tannullaha parzjalment;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

— tordna kull miżura oħra, inklużi miżuri istruttorji, li hija tqis li huma xierqa.

27 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

28 Insostenn tat-talba għal annullament tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi. Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw l-imputabbiltà tal-miżuri kkontestati lill-Gvern Taljan. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq żbalji ta’ evalwazzjoni u fuq żbalji ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq, kif ukoll fuq l-insuffiċjenza ta’ motivazzjoni, fir-rigward tat-tieni miżura. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq żbalji ta’ evalwazzjoni u fuq żbalji ta’ liġi fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq fir-rigward tat-tielet u r-raba’ miżuri.

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta’ imputabbiltà tal-miżuri kkontestati lill-Istat Taljan*

29 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 107(1) TFUE billi kkunsidrat li l-miżuri kkontestati kienu imputabbli lill-Istat Taljan. Id-deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-miżuri kkontestati ġew adottati b’mod awtonomu mill-bord tad-diretturi ta’ SACE.

30 Ir-rikorrenti jallegaw li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi l-ebda element li jissuġġerixxi li l-miżuri kkontestati kkostitwew l-istrument ta’ applikazzjoni ta’ politika definita mill-Istat Taljan, jew li dawn ġew adottati taħt l-influwenza diretta jew indiretta ta’ dan tal-aħħar, jew anki jew li l-awtoritajiet Taljani kisbu konjizzjoni tagħhom *ex ante*. L-indizji ġenerali u speċifiċi invokati mill-Kummissjoni, fil-punti 177 sa 179 tad-deċiżjoni kkontestata, ma jippermettux li jiġi konkluż li ma kienx probabbli li SACE setgħet tadotta l-miżuri kkontestati mingħajr ma tieħu tar-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi.

31 Ir-Repubblika Taljana, intervenjenti insostenn tar-rikorrenti, iżżid li ċ-ċirkustanza, irrilevata mill-Kummissjoni, li l-miżuri kkontestati jikkorrispondu ma’ għan ta’ interess ġenerali ma hijiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li kien hemm l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi. Fil-fatt, impriża tista’, filwaqt li ssegwi finalità ta’ profitt, tieħu inkunsiderazzjoni wkoll, għal varji raġunijiet, l-interess ġenerali evalwat b’mod awtonomu mill-amministraturi ta’ din l-impriża.

1 — Data kunfidenzjali mħollija barra.

32 Barra minn hekk, ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana jsostnu li l-miżuri kkontestati ġew adottati minn SACE mingħajr ma ttieħed kont tar-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi u li dawn tal-aħħar influwenzawhom biss indirettament. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni sempliċiment turiet il-possibbiltà teoretika tal-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi. Hija ma stabbilixxietx sal-grad rikjest mil-liġi li l-azzjonist pubbliku kien eżerċita fil-prattika influwenza dominanti fuq l-adozzjoni tal-miżuri kkontestati, b'mod kuntrarju għall-prinċipju ta' awtonomija tal-ġestjoni tal-bord tad-diretturi ta' SACE.

33 Ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana jikkunsidraw li l-kriterju fundamentali sabiex tiġi evalwata l-imputabbiltà ta' miżura lil-Istat jikkonsisti fil-verifikazzjoni tal-livell ta' awtonomija tal-ġestjoni li jgawdi minnha fil-prattika l-bord tad-diretturi tal-impriża pubblika u l-intensità tal-kontroll eżerċitat mill-awtoritajiet pubbliċi. Fil-fatt, sabiex jiġi stabbilit, skont is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza Stardust", EU:C:2002:294), l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura, jeħtieġ li jintwera li din il-miżura ġiet iddeterminata mill-intervent tal-Istat, u mhux mill-għażliet awtonomi tal-impriża stess.

34 Għaldaqstant, skont ir-Repubblika Taljana, miżura ma tkunx imputabbli lill-Istat biss jekk jiġi kkonstatat li din hija l-konsegwenza ta' att legali vinkolanti ta' awtorità pubblika, li, anki jekk l-indikazzjonijiet inklużi fih ma jkunux preċiżi u speċifiċi, ikun wassal lill-impriża sabiex tagħti prijorità lil għan ta' interess ġenerali fuq l-interess proprju tagħha u sabiex tadotta miżura differenti minn dik li kienet tadotta fl-assenza ta' tali indikazzjonijiet.

35 Issa, skont ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana, f'dan il-każ, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma pprovat li l-awtoritajiet pubbliċi Taljani kienu stabbilixxew prattika li tikkonsisti fl-użu ta' SACE għal finijiet ta' interess ġenerali, li jkun jikser il-prinċipju tal-awtonomija tal-ġestjoni kkonferita lill-impriżi pubbliċi mil-leġiżlazzjoni Taljana, billi ddikjarat li MEF "ma jeżerċita l-ebda tmexxija jew koordinazzjoni tal-kumpanniji li fihom għandu azzjonijiet". Għalhekk, il-Kummissjoni ma ssodisfatx l-oneru tal-prova.

36 Ir-Repubblika Taljana żżid li l-prattika tal-MEF li ma jinterferixxix fid-deċiżjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-bord tad-diretturi ta' SACE hija kkonfermata min-nota ta' dan il-ministeru tat-12 ta' Novembru 2009, li permezz tagħha, b'risposta għal talba ta' SACE, huwa fakkar li tranżazzjoni ta' akkwist ta' kumpannija Sud-Afrikana li topera fis-settur tal-assigurazzjoni tal-kreditu ma kinitx suġġetta għall-approvazzjoni tiegħu. Din il-prassi li tikkonsisti fl-osservanza tal-awtonomija tal-ġestjoni ta' SACE hija kkonfermata mit-tieni nota tal-MEF, li tindika li huwa ma għandux is-setgħa li jinterferixxi fl-istabbiliment ta' kumpannija ġdida ta' servizzi taħt il-kontroll ta' Sace BT.

37 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti kollha. Sabiex tintwera l-imputabbiltà ta' miżura lill-Istat, ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit li din tissodisfa esklużivament finalità pubblika.

38 Skont il-ġurisprudenza, sabiex vantaġġi jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huma għandhom, minn naħa, jingħataw direttament jew indirettament, permezz ta' riżorsi tal-Istat, u, min-naħa l-oħra, ikunu imputabbli lill-Istat (ara s-sentenzi Stardust, punt 33 iktar 'il fuq, EU:C:2002:294, punt 24, u tal-10 ta' Novembru 2011, Elliniki Nafpigokataskevastiki *et* vs Il-Kummissjoni, T-384/08, EU:T:2011:650, punt 50).

39 Għaldaqstant, f'dan il-każ hemm lok li jiġi eżaminat jekk il-miżuri kkontestati jistgħux ġustament jiġu kkunsidrati bħala r-riżultat ta' aġir imputabbli lill-Istat.

40 Huwa stabbilit li, wara t-trasformazzjoni tagħha f'kumpannija b'responsabbiltà limitata miżmuma totalment mill-Istat, SACE kienet, matul il-perijodu rilevanti, impriża pubblika fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE, tas-16 ta' Novembru 2006, dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, p. 17), li jiddikjara li l-kunċett ta' impriża

pubblika jindirizza lil "kull impriża li fuqha l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw direttament jew indirettament influwenza dominanti bis-saħħa tal-pussess li għandhom tagħha, il-holding finanzjarju tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha".

41 Madankollu, fil-punt 52 tas-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq (EU:C:2002:294), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk l-Istat kien f'pożizzjoni li jikkontrolla impriża pubblika u li jeżerċita influwenza dominanti fuq it-tranżazzjonijiet ta' din tal-aħħar, ma jistax f'każ konkret jiġi preżunt l-eżerċizzju effettiv ta' dan il-kontroll. Impriża pubblika tista' taġixxi b'aktar jew anqas indipendenza, skont il-grad ta' awtonomija mogħtija lilha mill-Istat. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li impriża pubblika tkun taħt kontroll tal-istat mhux biżżejjed biex miżuri meħuda minn dik l-impriża, bħall-finanzjament ta' appoġġ in kwistjoni, jiġu imputati lill-istat. Barra minn hekk għandu jiġi eżaminat ukoll jekk l-awtoritajiet pubbliċi jistgħux jiġu kkunsidrati li ġew involuti b'xi mod jew ieħor fl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

42 F'dan il-każ, isegwi li s-sempliċi ċirkustanza li l-Istat Taljan, bħala azzjonist uniku ta' SACE, kien f'pożizzjoni li jeżerċita influwenza dominanti fuq l-attivitajiet ta' din il-kumpannija, ma tippermettix li jiġi preżunt li huwa effettivament eżerċita l-kontroll tiegħu fir-rigward tal-adozzjoni tal-miżuri kkontestati.

43 Għaldaqstant jeħtieġ li jitfakkru l-kriterji żviluppati mill-ġurisprudenza sabiex tiġi evalwata l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura ta' għajnuna adottata minn impriża pubblika (ara l-punti 44 sa 52 iktar 'il fuq), qabel ma jiġu eżaminati l-indizji invokati f'dan il-każ mill-Kummissjoni (ara l-punti 53 sa 88 iktar 'il fuq).

a) Kriterji ġurisprudenzjali ta' evalwazzjoni tal-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura ta' għajnuna mogħtija minn impriża pubblika

44 Fil-punt 53 u 54 tas-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq (EU:C:2002:294), il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li ma jistax jiġi rikjest li jintwera abbażi ta' istruzzjoni preċiża, li l-awtoritajiet pubbliċi ħeġġew b'mod konkret l-impriża pubblika sabiex tadotta l-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni. Fil-fatt, fid-dawl tar-relazzjonijiet mill-qrib bejn l-Istat u l-impriżi pubbliċi, jeżisti riskju reali li l-għajnuna mill-Istat tingħata permezz ta' dawn tal-aħħar b'mod mhux wisq trasparenti, b'tali mod li jkun diffiċli ħafna għal terz, speċifikament minħabba relazzjonijiet ipprivileġġati eżistenti bejn l-Istat u impriża pubblika, li juri f'każ konkret li miżuri ta' għajnuna adottati minn din l-impriża ġew adottati fuq l-istruzzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi.

45 Għaldaqstant, skont ġurisprudenza stabbilita, l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura ta' għajnuna adottata minn impriża pubblika tista' tiġi dedotta minn assjem ta' indizji suffiċjentement preċiżi u konkordanti, li jirriżultaw miċ-ċirkustanzi tal-każ u mill-kuntest li fih din il-miżura tkun ġiet adottata, u li jippermettu li tiġi preżunta l-eżistenza ta' involviment konkret tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Stardust, punt 33 iktar 'il fuq, EU:C:2002:294, punt 55; tas-26 ta' Ġunju 2008, SIC vs Il-Kummissjoni, T-442/03, Ġabra, EU:T:2008:228, punt 98, u Elliniki Nafpigokataskevastiki *et* vs Il-Kummissjoni, punt 38 iktar 'il fuq, EU:T:2011:650, punt 54).

46 F'dan ir-rigward, is-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq (EU:C:2002:294), inkludiet lista ta' indizji, mhux obbligatorji u mhux eżawrjenti, li ttieħdu inkunsiderazzjoni fil-ġurisprudenza jew jistgħu hekk jittieħdu, bħall-fatt li l-impriża pubblika li tat l-għajnuna ma setgħetx tieħu din id-deċiżjoni mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi, li din l-impriża kienet marbuta mhux biss permezz ta' elementi ta' natura organika mal-Istat, iżda li din kellha barra minn hekk tieħu kont tad-direttivi naxxenti minn kumitat interministerjali bħas-CIPE, tan-natura tal-attivitajiet tal-impriża pubblika u tal-eżerċizzju ta' dawn tal-aħħar fis-suq f'kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni mal-operaturi privati, tal-istatus legali tal-imsemmija impriża, jekk din taqax taħt id-dritt pubbliku jew

id-dritt komuni tal-kumpanniji, jew tal-intensità tal-involviment eżerċitat mill-awtoritajiet fuq il-ġestjoni tagħha (ara s-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq, EU:C:2002:294, punti 55 u 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Barra minn hekk, dejjem fil-punt 56 tas-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq (EU:C:2002:294), il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kull indizju ieħor li jindika, fil-każ konkret, involviment tal-awtoritajiet pubbliċi jew in-nuqqas ta' probabbiltà ta' assenza ta' involviment fl-adozzjoni tal-miżura, fid-dawl ukoll tal-portata ta' din tal-aħħar, tal-kontenut tagħha u tal-kundizzjonijiet li tinkludi, jistgħu, fejn xieraq, ikunu rilevanti sabiex jiġi konkluża l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura adottata minn impriża pubblika (ara f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2014, Tisza Erőmű vs Il-Kummissjoni, T-468/08, EU:T:2014:235, punt 170).

48 Fl-ewwel lok, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet tar-Repubblika Taljana (ara l-punti 33 u 34 iktar 'il fuq), il-kunċett ta' involviment konkret tal-Istat għandu jinftiehem fis-sens li l-miżura inkwistjoni ġiet adottata taħt l-influwenza jew il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi jew li ma hijiex probabbli l-assenza ta' tali influwenza jew ta' tali kontroll, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi evalwata l-inċidenza ta' dan l-involviment fuq il-kontenut tal-miżura. B'mod partikolari, ma jistax jiġi rikjest, sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni ta' imputabbiltà, li jintwera li l-aġir tal-impriża pubblika kien ikun differenti kieku din aġixxiet b'mod awtonomu. Dwar l-għanijiet segwiti mill-miżura inkwistjoni, għalkemm jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-imputabbiltà, dawn ma humiex deċiżivi.

49 Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li, f'ċerti każijiet, l-għanijiet ta' interess ġenerali jkunu konkordanti mal-interess tal-impriża pubblika ma tipprovdi, waħidha, l-ebda indikazzjoni dwar l-involviment possibbli jew l-assenza ta' involviment ta' awtoritajiet pubbliċi, b'mod jew ieħor, fl-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni. Għaldaqstant, il-fatt li l-interess tal-impriża pubblika jikkoinċidi mal-interess ġenerali ma jfissirx neċessarjament li din l-impriża setgħet tieħu d-deċiżjoni tagħha mingħajr ma tieħu kont tar-rewiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrileva ġustament li xejn ma jipprekludi lill-awtoritajiet pubbliċi milli jkunu jistgħu jimponu fuq impriża pubblika li twettaq tranżazzjoni ta' natura intraprendenti, li, filwaqt li tista' tkun, fejn applikabbli, konformi mal-kriterju tal-investitur privat, tkun, fi kwalunkwe każ, imputabbli lill-Istat.

50 Fit-tieni lok, hemm lok li tinċaħad ukoll l-interpretazzjoni tal-ġurisprudenza Stardust imwettqa mir-Repubblika Taljana (ara l-punti 34 u 35 iktar 'il fuq), li l-involviment konkret tal-Istat fl-adozzjoni ta' miżura minn impriża pubblika, bħal SACE, setgħet tirriżulta biss minn att legali ta' awtorità pubblika li jwassal lil din l-impriża sabiex tagħti prijorità lill-għanijiet ta' interess ġenerali fuq l-interessi proprja tagħha jew minn prassi tal-awtoritajiet pubbliċi li tikkonsisti fl-użu minn din l-impriża għal finijiet ta' interess ġenerali, f'kontradizzjoni mal-prinċipju ta' awtonomija tal-ġestjoni rikonoxxut mil-liġi Taljana fir-rigward tal-impriżi pubbliċi.

51 Fil-fatt, mis-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq (EU:C:2002:294), jirriżulta li l-awtonomija kkonferita, mill-forma legali tagħha, lil impriża pubblika ma tostakolax il-possibbiltà tal-Istat li jeżerċita influwenza dominanti għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri. Peress li l-involviment konkret possibbli tal-Istat ma huwiex eskluż mill-awtonomija li, fil-prinċipju, tibbenefika minnha l-impriża pubblika, il-prova ta' tali involviment tista' tiġi prodotta abbażi tal-elementi legali u fattwali rilevanti kollha li jistgħu jifformaw firxa ta' indizji suffiċjentement preċiżi u konverġenti tal-eżerċizzju ta' influwenza effettiva jew ta' kontroll effettiv mill-Istat.

52 Għaldaqstant, f'dan il-każ, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi, abbażi ta' firxa ta' indizji suffiċjentement preċiżi u konkordanti, li l-involviment tal-Istat Taljan fid-deċiżjoni li jingħataw il-miżuri kkontestati kien konkret jew li ma kinitx probabbli l-assenza ta' tali involviment fid-dawl taċ-ċirkustanzi u tal-kuntest tal-każ ineżami.

Evalwazzjoni tal-indizji invokati f'dan il-każ mill-Kummissjoni

53 Jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ u fil-kuntest tal-miżuri kkontestati, l-indizji invokati mill-Kummissjoni fil-premessi 177 sa 179 tad-deċiżjoni kkontestata jippermettux, meta kkunsidrati flimkien, li jiġi preżunt li l-awtoritajiet pubbliċi Taljani kienu involuti konkretament, b'mod jew ieħor, fl-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

54 Sabiex jintwera tali involviment, il-Kummissjoni tinvoka "indizji ġenerali", marbuta mal-kuntest tal-adozzjoni tal-miżuri kkontestati (premessa 177 tad-deċiżjoni kkontestata), u "indizji speċifiċi", marbuta mal-kundizzjonijiet tal-għoti ta' dawn il-miżuri (premessi 178 u 179 tad-deċiżjoni kkontestata).

55 Fir-rigward tal-indizji ġenerali, il-Kummissjoni tinvoka t-tliet elementi li ġejjin:

— il-membri kollha tal-bord tad-diretturi ta' SACE jinħatru fuq proposta mill-Istat Taljan;

— SACE ma teżerċitax l-attivitajiet tagħha "fis-suq f'kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni mal-operaturi privati";

— skont il-liġi, SACE għandha żżomm tal-inqas 30 % mill-kapital ta' Sace BT.

56 Jeħtieġ li jiġu eżaminati b'mod preċiż kull wieħed minn dawn l-indizji, qabel ma dawn jiġu evalwati fl-intier tagħhom.

57 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument relatat mal-ħatra tal-membri tal-bord tal-appell, invokat fil-premessa 177(a) tad-deċiżjoni kkontestata, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Artikolu 6(2) tad-Digriet-liġi Nru 269, li jattribwixxi l-azzjonijiet ta' SACE lil MEF, jipprovdi li dawn il-ħatriet jitwettqu bi qbil mal-ministeri differenti msemmija fl-Artikolu 4(5) tad-digriet leġiżlattiv Nru 143, li jsemmi l-ministeru tat-teżor, tal-baġit u tal-programmazzjoni ekonomika Taljana (responsabbli mill-ekonomija u mill-finanzi fiż-żmien rilevanti), il-ministeru tal-affarijiet barranin Taljan, il-ministeru tal-industrija, tal-kummerċ u tal-artiġġanat Taljan u l-ministeru tal-kummerċ estern Taljan.

58 Madankollu, kif irrilevat ir-Repubblika Taljana waqt is-seduta, mill-Artikolu 6(24) tad-Digriet-liġi Nru 269 jirriżulta li, waqt l-istabbiliment ta' SACE, l-Artikolu 4 tad-Digriet leġiżlattiv Nru 143 kien applikabbli biss b'mod tranżitorju, sal-approvazzjoni tal-istatuti ta' SACE. Issa, skont l-Artikolu 13 tal-imsemmija statuti, il-membri tal-bord tad-diretturi huma maħtura, għal perijodu li ma jeċċedix tliet snin, mil-laqgħa ġenerali, u jistgħu jinħatru mill-ġdid.

59 Minn dan, ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana ddeduċew li l-indizji organiċi stabbiliti fil-premessa 177(a) tad-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultawx minn regoli speċjali, iżda jirriżultaw mill-istruttura tal-proprjetà u għalhekk huma negliġibbli.

60 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li t-tħassir tar-regoli ta' ħatra speċjali tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' SACE ma kinitx awtomatika. Hija sostniet, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-Repubblika Taljana, li, waqt l-adozzjoni tal-miżuri kkontestati, il-membri li jikkomponu tal-bord tad-diretturi ta' SACE kienu ġew maħtura skont proċedura speċjali inizjali.

61 Ċertament, il-membri tal-bord tad-diretturi ta' impriża miżuma totalment mill-Istat jinħatru neċessarjament mill-awtoritajiet pubbliċi, fejn l-Istat ikun l-azzjonist uniku tal-kumpannija. Madankollu, f'dan il-każ, iċ-ċirkustanza li, tal-inqas, il-ħatra inizjali tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' SACE kellha, skont dispożizzjoni leġiżlattiva speċifika, titwettaq bi qbil ma' diversi ministeri differenti, tikkonferma rabtiet partikolari bejn SACE u l-awtoritajiet pubbliċi u tista' tikkostitwixxi indizju tal-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-attività tal-impriża pubblika.

62 Barra minn hekk, dan l-involviment huwa kkonfermat ukoll mill-fatt, irrilevat mill-Kummissjoni, fil-premessa 178(a) tad-deċiżjoni kkontestata, li żewġ membri tal-bord tad-diretturi ta' SACE kien u jeżerċitaw simultanjament funzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan il-ministeri, jiġifieri il-ministeru l-antik tal-kummerċ estern Taljan, illum il-ministeru tal-iżvilupp ekonomiku, u l-ministeru tal-affarijiet barranin Taljan (ara l-punt 85 iktar 'il quddiem).

63 Madankollu, dawn l-indizji organiċi, għalkemm sinifikattivi sa fejn juru marġni ta' indipendenza limitata ta' SACE fir-rigward tal-Istat, ma humiex waħidhom suffiċjenti sabiex jistabbilixxu involviment konkret tal-Istat fl-adozzjoni tal-miżuri kkontestati, u għandhom jiġu evalwati mal-indizji l-oħra.

64 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument li SACE ma teżerċitax l-attivitajiet tagħha "fis-suq f'kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni mal-operaturi privati", id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq l-erba' indizji li ġejjin:

— il-missjoni ta' SACE tikkonsisti fiż-żamma u l-promozzjoni tal-kompetittività tal-ekonomija Taljana, essenzjalment fir-rigward tar-riskji mhux trasferibbli, skont id-definizzjoni stabbilita mill-Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni, billi topera għalhekk f'settur li ma huwiex ikkunsidrat bħala suġġett għal kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni fis-suq;

— l-attivitajiet ta' SACE dejjem ibbenefikaw minn garanzija tal-Istat, filwaqt li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jipprojbixxu lil impriżi pubbliċi oħra li joperaw f'kompetizzjoni mal-operaturi privati fis-suq milli jgawdu minn tali vantaġġ;

— ir-rendikonti finanzjarji ta' SACE huma suġġetti għall-istħarriġ tal-Corte dei conti (Qorti tal-kontijiet Taljana) u l-MEF huwa obbligat li jippreżenta rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' SACE lill-parlament Taljan;

— fir-rigward tal-influwenza tal-Istat fuq l-għoti tar-riżorsi ta' SACE, is-CIPE tadotta, mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, pjan ta' previżjoni tal-impenji ta' assigurazzjoni u tal-bżonnijiet finanzjarji marbuta ma' riskji ddeterminati, u tiddefinixxi l-limiti globali tal-impenji marbuta mar-riskji mhux trasferibbli li SACE tista' tassumi, billi tagħmel distinzjoni bejn il-garanziji li għandhom terminu inqas jew iktar minn erba' u 24 xahar.

65 Jeħtieġ li tiġi evalwata la portata f'dan il-każ ta' dawn l-erba' indizji li, kont il-Kummissjoni, huma maħsuba li juru li l-awtoritajiet pubbliċi jużaw il-grupp SACE mhux biss fis-settur tar-riskji mhux trasferibbli, iżda wkoll f'dak tar-riskji trasferibbli, sabiex tiġi sostnuta s-sistema tal-impriżi fl-Italja u b'hekk iffavorit l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż.

66 L-ewwel indizju msemmi fil-punt 64 iktar 'il fuq huwa marbut mal-missjoni ta' promozzjoni tal-kompetittività tal-ekonomija Taljana, fdata lil SACE "essenzjalment fir-rigward tar-riskji mhux trasferibbli". Għandu jiġi nnotat f'dan ir-rigward li la r-rikorrenti u lanqas ir-Repubblika Taljana ma jikkontestaw dik il-preżentazzjoni tal-missjoni ta' SACE mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. Jidhru b'hekk li jammettu impliċitament li l-missjoni ta' SACE, sa fejn din tikkonċerna essenzjalment, iżda mhux esklużivament, ir-riskji mhux trasferibbli, tkopri wkoll is-settur kompetitur tal-assigurazzjoni tar-riskji trasferibbli. Issa, il-kamp ta' applikazzjoni tal-missjoni ta' interess ġenerali ta' SACE jirriżulta mill-Artikolu 4(1) u (2) tal-istatuti ta' din il-kumpannija, li jiddefinixxi l-għan tagħha (ara l-punt 6 iktar 'il fuq). Għalhekk, l-Artikolu 4(1) ta' dawn l-istatuti jagħmlu riferiment b'mod ġenerali għall-kopertura "tar-riskji ta' natura politika, tar-riskji ta' katastrofi, tar-riskji ekonomiċi, kummerċjali u tal-kambju, kif ukoll tar-riskji addizzjonali, li huma esposti għalihom, direttament jew indirettament, l-operaturi [Taljani] u l-kumpanniji, inklużi dawk barranin, li magħhom huma marbuta jew li huma jikkontrollaw, fl-attività barranija tagħhom u [li jikkonċernaw] l-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija Taljana". Fir-rigward tal-Artikolu 4(2) dan jirrigwarda espressament il-provvista, fil-kundizzjonijiet tas-suq u l-osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, "ta' garanziji u ta' koperturi ta'

assigurazzjoni għal impriżi barranin inkonnessjoni ma' tranżazzjonijiet ta' portata strateġika għall-ekonomija Taljana mill-angolu tal-internazzjonalizzazzjoni, tas-sigurtà ekonomika u tal-attivazzjoni tal-proċess ta' produzzjoni u ta' impjieg fl-Italja" (ara l-punt 6 iktar 'il fuq).

67 Din il-missjoni ta' interess ġenerali, li tinkludi espliċitament il-kopertura b'mod partikolari tar-riskji li huma ddefiniti bħala riskji trasferibbli fl-Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni (ara l-punt 3 iktar 'il fuq) u li barra minn hekk tagħmel riferiment għall-provvista ta' servizzi ta' assigurazzjoni fil-kundizzjonijiet tas-suq fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' interess strateġiku għall-ekonomija Taljana, għalhekk teċċedi l-missjoni waħdia ta' kopertura tar-riskji mhux trasferibbli, li ma jaqgħux taħt is-settur kompetittiv.

68 Għaldaqstant, il-missjoni ta' interess ġenerali fdata lil SACE mill-istatuti tagħha tinkludi wkoll l-assigurazzjoni tar-riskji trasferibbli, għall-kopertura tagħhom ġiet stabbilita Sace BT (ara l-punti 8 u 11 iktar 'il fuq).

69 Ċertament, fil-premessa 177(b)(i) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tagħmel riferiment għall-missjoni ta' promozzjoni "tal-kompetittività tal-ekonomija Taljana, essenzjalment fir-rigward tar-riskji trasferibbli" (ara l-punt 64 iktar 'il fuq). Għalkemm din tenfasizza b'mod iktar speċjali l-finalità ta' interess ġenerali segwit minn SACE fis-settur tal-assigurazzjoni tar-riskji mhux trasferibbli, xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni tinvoka l-finalità ġenerali tas-sostenn tal-ekonomija Taljana mogħtija lil SACE, mill-Artikolu 4(1) u (2) tal-istatuti tagħha, fir-rigward tal-attività kollha tagħha, li hija tista' teżerċita wkoll fis-settur tal-assigurazzjoni tar-riskji trasferibbli, kif jirriżulta mill-Artikolu 6(12) tad-Digriet-liġi Nru 269 (ara l-punt 8 iktar 'il fuq).

70 It-tieni indizju msemmi fil-premessa 177(b) tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 64 iktar 'il fuq) jikkonċerna l-garanzija mill-Istat li tibbenefika minnha SACE. B'mod differenti mill-ewwel indizju eżaminat fil-punti 66 sa 69 iktar 'il fuq, dan l-indizju huwa marbut unikament mal-attività ta' SACE fis-settur tal-assigurazzjoni tar-riskju mhux trasferibbli. Mill-Artikolu 5(2) tal-istatuti ta' SACE jirriżulta espressament li, waqt il-perijodu rilevanti, "l-attività ta' assigurazzjoni u ta' garanzija tar-riskji ddefiniti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala riskji trasferibbli ma tibbenefikax mill-garanzija mill-Istat u [kienet] irregolata mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-assigurazzjonijiet privati".

71 Dan l-indizju marbut mal-garanzija mill-Istat jikkonferma madankollu li l-attivitajiet ta' SACE ma kinux dawk li teżerċita kumpannija kummerċjali ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni fil-kundizzjonijiet tas-suq, iżda li dawn kienu dawk ta' kumpannija ta' assigurazzjoni pubblika li tibbenefika minn statut derogatorju u li ssegwi għanijiet ta' sostenn għall-ekonomija ddefiniti mill-awtoritajiet pubbliċi, billi sservi bħala strument għall-promozzjoni tal-esportazzjonijiet, bis-saħħa b'mod partikolari għal garanzija mill-Istat (ara l-punt 67 iktar 'il fuq).

72 It-tielet indizju msemmi fil-premessa 177(b) tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 64 iktar 'il fuq) huwa marbut mal-kontroll annwali tal-kontijiet ta' SACE mill-Corte dei conti, previst mill-Artikolu 6(16) tad-Digriet-liġi Nru 269, u mal-obbligu tal-MEF li jippreżenta rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' SACE lill-parlament Taljan, skont l-Artikolu 6(17) tal-istess Digriet-liġi. Kif tirrileva l-Kummissjoni, dawn il-kontrolli, anki jekk japplikaw ukoll għal impriżi oħra pubbliċi, ma japplikawx għall-impriżi pubbliċi kollha li huma miżmuma totalment mill-Istat, kif jikkonferma il-kuntest ġenerali tal-kontroll pubbliku speċifiku eżerċitat fuq SACE. Madankollu, waqt is-seduta, ir-Repubblika Taljana rrilevat, mingħajr ma ġiet kontradetta mill-Kummissjoni, li l-aħħar rapport ta' attività ta' SACE lill-parlament kien dan tal-2008.

73 Dan it-tielet indizju ma huwiex determinanti fih innifsu. Fil-fatt, sa fejn dawn il-kontrolli finanzjarji u politiċi, minn naħa, isiru *a posteriori* u, min-naħa l-oħra, jirrigwardaw bħala prinċipju l-kontijiet kollha jew tal-attività ta' SACE, dawn ma jippermettux waħidhom li jiġi preżunt li l-awtoritajiet pubbliċi influwenzaw konkretament l-istanzi ta' teħid tad-deċiżjoni minn qabel, bħal dawk marbuta mal-miżuri

kkontestati. Xorta jibqa' l-fatt li l-possibbiltajiet ta' kontroll jikkonfermaw l-interess tal-Istat Taljan fl-attivitajiet ta' SACE u li huma għalhekk rilevanti bħala elementi minn assjem ta' indizji li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuqhom.

74 Ir-raba' indizju msemmi fil-premessa 177(b) tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 64 iktar 'il fuq) huwa marbut mal-approvazzjoni mis-CIPE ta' pjan ta' previżjoni tal-impenji ta' assigurazzjoni ta' SACE u tal-bżonnijiet finanzjarji marbuta ma' riskji ddeterminati, kif ukoll mad-definizzjoni mis-CIPE tal-limiti globali tal-impenji marbuta mar-riskji mhux trasferibbli li SACE tista' tassumi, b'mod konformi mal-Artikolu 6(9) tad-Digriet-liġi Nru 269, li jagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(3) tad-digriet leġiżlattiv Nru 143 (ara l-punt 9 iktar 'il fuq).

75 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tas-CIPE sempliċiment tittrasponi u tifformalizza l-pjan ta' previżjoni approvat preliminarjament mill-bord tad-diretturi ta' SACE. Fir-realtà, il-finalità tal-proċedura ta' approvazzjoni mis-CIPE (ara l-punt 9 iktar 'il fuq) kienet biss dik li tinforma lill-Istat bil-portata tal-espożizzjoni potenzjali massima tagħha għar-riskju naxxenti mill-garanzija li hija tagħti fir-rigward tal-koperturi ta' assigurazzjoni offruti minn SACE fis-settur tar-riskji mhux trasferibbli. Il-pjan ta' previżjoni suġġett għal tali approvazzjoni, barra minn hekk, ma jikkonċernax l-attivitajiet ta' Sace BT.

76 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Il-Kummissjoni ssostni ġustament li l-approvazzjoni tal-pjan ta' previżjoni ta' SACE mis-CIPE, li huwa l-organu superjuri ta' koordinazzjoni u ta' direzzjoni tal-politika ekonomika Taljana, turi li din l-impriża ma teżerċitax l-attivitajiet tagħha fil-kundizzjonijiet ta' awtonomija totali ta' ġestjoni u tista' tiġi kkunsidrata bħala li taġixxi taħt il-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi, tal-inqas fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet importanti.

77 Fil-fatt, l-attività prinċipali ta' SACE, fuq is-suq tar-riskji mhux trasferibbli, taqa' fil-kuntest tal-pjan ta' previżjoni li, għalkemm stabbilit mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija, għandu jiġi approvat mis-CIPE. Tali proċedura ta' approvazzjoni, mill-awtorità li tiddetermina l-orjentazzjonijiet tal-politika ekonomika nazzjonali, ma jistax ikollha portata purament informattiva. Fl-assenza ta' kull indizju kuntrarju (ara l-punt 83 iktar 'il fuq), din tindika li SACE hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi, bħala korrispettiv għall-garanzija mill-Istat li hija tibbenefika minnha.

78 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana jikkontestaw kull valur probatorju tal-indizju bbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 5(2) tal-istatuti ta' Sace BT jipprevedi li l-ishma ta' SACE fil-kapital ta' din is-sussidjarja ma jistax ikun ta' inqas minn 30 %, skont l-Artikolu 6(12) tad-Digriet-liġi Nru 269 (ara l-punt 55 iktar 'il fuq).

79 Ċertament, ir-rikorrenti josservaw ġustament li holding ta' 30 % ma jippermettix lil SACE li tikkontrolla l-attività tas-sussidjarja tagħha. Madankollu, għalkemm tali dispożizzjoni ma hijiex waħidha suffiċjenti sabiex jiġi preżunt li l-awtoritajiet pubbliċi kienu konkretament involuti fl-adozzjoni tal-miżuri kkontestati, hija tikkostitwixxi, skont il-ġurisprudenza, indizju naxxenti mill-kuntest ta' din l-adozzjoni, li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni (ara l-punt 45 iktar 'il fuq).

80 Fil-fatt, kif tirrileva l-Kummissjoni, dan il-holding jista' jiġi kkunsidrat bħala maħsub sabiex jiggarantixxi ċertu livell ta' involviment pubbliku fl-attività ta' assigurazzjoni tar-riskji trasferibbli, permezz ta' SACE, totalment miżmuma mill-Istat matul il-perijodu rilevanti, u jikkonferma li SACE hija suġġetta għal sistema legali speċjali, inkluż fis-settur imsemmi iktar 'il fuq.

81 F'dawn iċ-ċirkustanzi, meta kkunsidrati flimkien, l-indizji ġenerali marbuta mal-kuntest li fih ġew adottati l-miżuri kkontestati, eżaminati fil-punti 55 sa 80 iktar 'il fuq, jippermettu li jiġi stabbilit sal-grad rikjest mil-liġi li dawn il-miżuri huma imputabbli lill-Istat, fid-dawl tal-importanza tagħhom għall-ekonomija Taljana.

82 Fil-fatt, fid-dawl tal-portata u tas-suġġett tal-miżuri kkontestati, li l-ammont totali tagħhom huwa ta' EUR 70 miljun, l-assejm ta' indizji invokati mill-Kummissjoni, relatati mar-rabtiet organiċi stabbiliti mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi bejn SACE u l-awtoritajiet pubbliċi (ara l-punti 57 sa 63 iktar 'il fuq), mal-għanijiet ta' promozzjoni tal-kompetittività tal-ekonomija Taljana assenjati lil SACE mill-istatuti tagħha (ara l-punti 66 sa 69 iktar 'il fuq), insostenn tal-Istat fil-forma ta' garanzija mill-Istat mogħtija lil SACE fl-eżerċizzju tal-attività prinċipali tagħha (ara l-punti 70 u 71 iktar 'il fuq), mal-kontroll preliminari (ara l-punti 74 sa 78, iktar 'il fuq) u *a posteriori* (ara l-punti 72 u 73 iktar 'il fuq) eżerċitat mill-awtoritajiet pubbliċi fuq l-attività ta' SACE kif ukoll ma' ċertu livell ta' involviment pubbliku fis-settur tal-assigurazzjoni tar-riskji trasferibbli (ara l-punt 80 iktar 'il fuq) juri li ma hijiex probabbli l-assenza ta' involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-miżuri kkontestati.

83 Dan l-analiżi kontradett mill-argument tar-Repubblika Taljana marbut mal-prassi tal-MEF li ma jintervjenix fid-deċiżjonijiet tal-impriżi pubbliċi, kif dan huwa kkonfermat minn żewġ noti naxxenti minn dan il-ministeru, li jfakkru li t-tranżazzjonijiet deċiżi mill-bord tad-diretturi ta' SACE ma kinux suġġetti għall-approvazzjoni tiegħu (ara l-punt 36 iktar 'il fuq). Fil-fatt, minn naħa, kif tirrileva l-Kummissjoni, dawn in-noti ma jistgħux jiġu invokati f'dan il-każ, sa fejn dawn ma ġewx ippreżentati lill-Kummissjoni waqt il-proċedura amministrattiva (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2008, Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni, T-268/06, Ġabra, EU:T:2008:222, punt 56; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' April 2008, Nuova Agricast, C-390/06, EU:C:2008:224, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, it-tranżazzjonijiet imsemmija f'dawn in-noti ma kellhomx l-istess portata, fir-rigward tal-għanijiet ta' sostenn tal-kompetittività tal-ekonomija Taljana, bħal dawk tal-miżuri kkontestati. Fl-aħħar, l-assenza ta' approvazzjoni formali ma tistax teskludi l-eżistenza ta' involviment konkret tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura. Issa, tali involviment jirriżulta, f'dan il-każ, mill-assjem ta' indizji mfakkra fil-punt 82 iktar 'il fuq.

84 Għaldaqstant, fid-dawl tal-assjem tal-indizji ġenerali msemmija fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha leġittimament, fil-punt 180 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq il-konstatazzjoni li SACE kienet marbuta mill-qrib mal-awtoritajiet pubbliċi Taljani, li kienu jużawha fil-kuntest tal-politika tagħhom ta' sostenn tal-attività tal-ekonomija Taljana, sabiex tikkonkludi favur l-imputabbiltà tal-miżuri kkontestati lill-Istat.

85 Ir-rilevanza tat-tliet indizji ġenerali hija barra minn hekk, ikkonfermata mill-indizji speċifiċi invokati fil-premessi 178 u 179 tad-deċiżjoni kkontestata. Dawn huma essenzjalment dikjarazzjonijiet tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' SACE magħmula waqt l-adozzjoni tal-miżuri kkontestati.

86 Ċertament, ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana jsostnu li dawn id-dikjarazzjonijiet, iċċitati fil-premessi 178 u 179 tad-deċiżjoni kkontestata, jikkostitwixxu elementi ċirkustanzjali li jesprimu biss l-istennija tal-awturi tagħhom marbuta mal-konsegwenzi pożittivi tal-miżuri eżaminati fuq l-ekonomija.

87 Madankollu, jeħtieġ li jiġi rrilevat li d-dikjarazzjonijiet iċċitati fil-premessa 178(a) u (b), u fil-premessa 179 tad-deċiżjoni kkontestata, notati fil-verbali, minn naħa, tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' Sace tal-1 ta' April 2009 u, min-naħa l-oħra, tal-laqgħa ta' dan il-bord ta' diretturi tas-26 ta' Mejju 2009, jagħmlu riferiment għal għanijiet ta' interess ġenerali. Dan jgħodd ukoll għall-kunsiderazzjonijiet invokati fil-premessa 178(c) tad-deċiżjoni kkontestata, estratti mill-verbal tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' SACE BT tas-27 ta' Mejju 2009.

88 Anki jekk, meqjusa b'mod separat, id-dikjarazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq huma ta' valur probatorju relattivament dgħajjef, tali dikjarazzjonijiet evalwati fid-dawl tal-indizji ġenerali marbuta mal-kuntest tal-adozzjoni tal-miżuri kkontestati għandhom jiġu kkunsidrati bħala indizji addizzjonali li jikkonfermaw li l-adozzjoni tal-miżuri kkontestati jaqgħu taħt it-tfittxija tal-għanijiet ta' sostenn tal-ekonomija Taljana assenjati lil SACE.

89 Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tieni u t-tielet motivi, relattivi essenzjalment għall-ksur tal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq u tal-obbligu ta' motivazzjoni*

90 Qabel ma jiġu eżaminati dawn iż-żewġ motivi, jeħtieġ li jitfakkru preliminarjament ċerti prinċipji tal-ġurisprudenza marbuta mal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq.

Osservazzjonijiet preliminari fuq il-ġurisprudenza marbuta mal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq.

91 Skont il-ġurisprudenza, il-kundizzjonijiet li għandha tissodisfa miżura sabiex taqa' taħt il-kunċett ta' għajnuna, fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, ma humiex issodisfatti jekk l-impriża benefiċjarja setgħet tikseb l-istess vantaġġ bħal dak li tpoġġa għad-dispożizzjoni tagħha permezz tar-riżorsi tal-Istat, f'ċirkustanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, fejn din l-evalwazzjoni ssir bħala prinċipju bl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2012, Il-Kummissjoni vs EDF *et*, C-124/10 P, Ġabra, EU:C:2012:318, punt 78, u tal-24 ta' Jannar 2013, Frucona Košice vs Il-Kummissjoni, C-73/11 P, EU:C:2013:32, punt 70).

92 Għalhekk, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat hija intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk il-vantaġġ mogħti lil impriża, fi kwalunkwe forma, permezz tar-riżorsi tal-Istat hijiex, minħabba l-effetti tagħha, ta' natura li twassal għal jew li thedded li twassal għal distorzjoni tal-kompetizzjoni u li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs DF *et*, punt 91 iktar 'il fuq, EU:C:2012:318, punt 89). Jeħtieġ li jitfakkar f'dan ir-rigward li l-Artikolu 107(1) TFUE ma jagħmilx distinzjoni bejn il-kawżi jew l-għanijiet tal-intervent ta' entità pubblika, iżda jiddefinixxi lil dan tal-aħħar skont l-effetti tiegħu (sentenza Il-Kummissjoni vs EDF *et*, punt 91 iktar 'il fuq, EU:C:2012:318, punt 77, u tad-19 ta' Marzu 2013, Bouygues u Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni *et*, C-399/10 P u C-401/10 P, Rec, EU:C:2013:175, punt 102).

93 Sabiex ikun eżaminat jekk l-Istat Membru jew l-entità pubblika kkonċernata adottawx jew le l-aġir ta' investitur prudenti li jopera fl-ekonomija tas-suq, huwa neċessarju li wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-kuntest tal-perjodu li fih il-miżuri ta' appoġġ finanzjarju ttieħdu sabiex tiġi vvalutata r-razzjonalità ekonomika tal-aġir tal-Istat Membru jew l-entità pubblika, u għaldaqstant ma għandha tingħata l-ebda evalwazzjoni bbażata fuq sitwazzjoni suċċessiva. Il-paragun bejn l-aġir tal-operaturi pubbliċi u privati għandha b'hekk tiġi stabbilita b'kont meħud tal-attitudni li kien ikollu f'ċirkustanzi simili, waqt l-adozzjoni tat-tranżazzjoni inkwistjoni, operatur privat fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli u l-evoluzzjonijiet prevedibbli f'dak il-mument (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Stardust, punt 33 iktar 'il fuq, EU:C:2002:294, punti 71 u 72). Għaldaqstant, il-konstatazzjoni retrospettiva tal-profittabbiltà effettiva tat-tranżazzjoni mwettqa mill-Istat Membru jew l-entità pubblika kkonċernata ma hijiex rilevanti.

94 Din il-ġurisprudenza stabbilita ġiet ikkonfermata mis-sentenza Il-Kummissjoni vs EDF *et*, punt 91 iktar 'il fuq (EU:C:2012:318), li enfasizzat, fil-punt 105 tagħha, li huma rilevanti biss, b'mod partikolari għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, l-elementi disponibbli u l-evoluzzjonijiet prevedibbli fil-mument li tkun ġiet adottata d-deċiżjoni li għandha ssir it-tranżazzjoni inkwistjoni. Dan jgħodd ukoll, b'mod partikolari, meta bħal f'dan il-każ, il-Kummissjoni teżamina l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat meta mqabbla ma' miżura li ma ġietx innotifikata lilha u li diġà ġiet implementata mill-entità pubblika kkonċernata fil-mument meta din twettaq l-eżami tagħha.

95 Skont il-prinċipji marbuta mal-oneru tal-prova fis-settur tal-għajnuna mill-Istat, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova ta' tali għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni hija obbligata li tmexxi proċedura ta' eżami tal-miżuri inkwistjoni b'mod diliġenti u imparzjali, bil-għan li tikseb, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li tistabbilixxi l-eżistenza u, fejn xieraq, l-inkompatibbiltà jew l-illegalità tal-għajnuna, l-elementi l-iktar kompluti u affidabbli possibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-

2 ta' Settembru 2010, Il-Kummissjoni vs Scott, C-290/07 P, Rec, EU:C:2010:480, punt 90, u tat-3 ta' April 2014, Franza vs Il-Kummissjoni, C-559/12 P, Ġabra, EU:C:2014:217, punt 63). Fir-rigward tal-livell ta' prova meħtieġa, in-natura tal-provi għandhom jiġu prodotti mill-Kummissjoni, tiddependi, fil-biċċa l-kbira, fuq in-natura tal-miżura statali prevista (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, EU:C:2014:217, punt 66).

96 Konsegwentement, meta jkun jidher li l-kriterju tal-investitur privat jista' jkun applikabbli, hija l-Kummissjoni li għandha titlob lill-Istat Membru kkonċernat li jipprovdiha bl-informazzjoni rilevanti kollha li jippermettulha li tivverifika jekk humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet ta' applikabbiltà u ta' applikazzjoni ta' dan il-kriterju (sentenzi Il-Kummissjoni vs EDF *et*, punt 91 iktar 'il fuq, EU:C:2012:318, punt 104, u tat-3 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi u ING Groep, C-224/12 P, Ġabra, EU:C:2014:213, punt 33). Jekk l-Istat Membru jipprovdiha bl-elementi tan-natura rikjesta, il-Kummissjoni hija obbligata li twettaq evalwazzjoni globali billi tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha f'dan il-każ li jippermettulha li tiddetermina jekk l-impriża benefiċjarja manifestament ma kinitx tikseb faċilitajiet paragunabbli minn operatur privat (sentenza Frucona Košice vs Il-Kummissjoni, punt 91 iktar 'il fuq, EU:C:2013:32, punt 73).

97 F'dan il-kuntest, l-Istat Membru jew l-entità pubblika kkonċernata għandha tikkomunika lill-Kummissjoni l-elementi oġġettivi u verifikabbli li juru li d-deċiżjoni tagħha hija bbażata fuq evalwazzjonijiet ekonomiċi preliminari paragunabbli ma' dawk li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, operatur privat razzjonali li jkun jinsab fl-eqreb sitwazzjoni possibbli għak dik li jinsab fiha dak l-Istat jew dik l-entità, kien jistabbilixxi, qabel jadotta l-miżura inkwistjoni, bil-għan li jiddetermina l-profitabbiltà futura ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs EDF *et*, punt 91 iktar 'il fuq, EU:C:2012:318, punt 84 inkonnessjoni mal-punt 105, u tat-3 ta' Lulju 2014, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, u T-321/12, EU:T:2014:604, punt 49).

98 Madankollu, l-elementi ta' evalwazzjoni ekonomika preliminari rikjesta min-naħa tal-Istat Membru jew tal-entità pubblika kkonċernata għandhom ikunu fformulati skont in-natura u l-kumplessità tat-tranżazzjoni inkwistjoni, il-valur tal-assi, tal-beni jew tas-servizzi kkonċernati u ċ-ċirkustanzi tal-każ (ara l-punti 122, 123, 178 u 179 iktar 'il fuq).

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq żbalji ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, kif ukoll fuq l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni, fir-rigward tat-tieni miżura

99 It-tieni miżura tikkonċerna l-kopertura ta' riassigurazzjoni tat-tip li teċċedi d-dannu (jew "riassigurazzjoni XoL") għal riskji trasferibbli, mogħtija minn SACE lil Sace BT, fl-2009. Ir-riassigurazzjoni XoL hija tip ta' kuntratt li fiha r-riassigurazzjoni ssir sa ċertu limitu u unikament meta d-dannu partikolari jew grupp ta' danni jeċċedu livell ddefinit minn qabel.

100 Huwa stabbilit bejn il-partijiet li, fil-passat, Sace BT kienet kisbet ir-riassigurazzjoni proprja tagħha prinċipalment mingħand operaturi privati. Waqt it-tiġdid tal-kuntratti għall-2009, matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika dinjija, Sace BT daħlet f'kuntatt ma' 21 operatur privat u kisbet minn ħamsa minnhom kopertura li tammonta għal 25.85 % tar-riassigurazzjoni XoL għall-parti mid-danni li jeċċedu l-EUR 5 miljuni u sa EUR 40 miljuni. Ir-rati ta' koperturi sottoskritti minn dawn il-ħames riassiguraturi privati jikkorrispondu rispettivament għal 10 %, għal 7.5 %, għal 3 %, għal 2.85 % u għal 2.5 %. Fil-5 ta' Ġunju 2009, il-parti rimanenti tal-kopertura, jiġifieri 74.15 %, ġiet sottoskritta minn SACE bl-istess kundizzjonijiet ta' prijorità, ta' portata u ta' remunerazzjoni bħal dawk stabbiliti fit-trattat annwali ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT għall-2009 u diġà aċċettati mill-ħames riassiguraturi privati.

101 Fid-deċiżjoni kkontestata (premessi 126 sa 131), il-Kummissjoni kkunsidrat li, fid-dawl tal-livell tar-riskju ogħla li jkollu jiġi assunt, riassiguratur privat ma kienx jissottoskrivi kopertura ta' riassigurazzjoni ta' 74,15 % favur Sace BT, bil-kundizzjonijiet mogħtija minn SACE, u li Sace BT għaldaqstant kienet kisbet vantaġġ, billi bbażat ruħha essenzjalment fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

— ir-rifjut tar-riassiguraturi privati kkuntattati minn SACE, waqt it-tiġdid tal-ftehim ta' riassigurazzjoni għall-2009, li jkopru l-bilanċ tar-riassigurazzjoni li teċċedi d-dannu, kienet turi li din il-kopertura ma setgħetx tinkiseb mingħand operaturi tas-suq (premessa 127 tad-deċiżjoni kkontestata);

— fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja dinjija, li wasslet għall-istabbiliment ta' kundizzjonijiet ta' riassigurazzjoni iktar ħorox, ċerti riassiguraturi privati naqsu l-attivitajiet tagħhom f'dan il-qasam u rrijorjentawhom lejn attivitajiet oħra iktar profittabbli (premessa 128);

— fid-dawl tat-telf kbir subit fl-2008 (madwar EUR 29.5 miljun), il-"pożizzjoni dgħajfa [ta' Sace BT] wasslet għal riskji maġġuri fil-qasam tar-riassigurazzjoni" (premessa 128);

— riassiguratur privat raġjonevoli "qatt ma kien jaċċetta li jkopri parti mir-riassigurazzjoni daqshekk għolja (74.15 %) u bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk imposti mir-riassiguraturi [l-oħra] għal parti mill-kopertura ħafna inqas ristretta". Dan kien jirrikjedi li l-kummissjoni tirrifletti il-livell ta' riskju ogħla assunt (premessa 128);

— l-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi għad-differenza bejn il-kummissjoni li riassiguratur privat kien japplika għal parti mir-riassigurazzjoni hekk għolja u dik appoġġata minn Sace BT. Skont il-prattika deċiżjonali tagħha, il-Kummissjoni kienet tal-opinjoni li l-kummissjoni relattiva għal parti mir-riassigurazzjoni u mir-riskju hekk għoli kellu jkun tal-inqas 10 % ogħla minn dik applikata mir-riassiguraturi privati għal parti nettament inferjuri. Għas-somma ta' EUR 1.56 miljun imħallas minn Sace BT lil SACE, l-ammont tal-għajnuna li kellha tiġi rkuprata kienet tammonta għal EUR 156 000 (premessa 128);

— il-holding ta' SACE, ta' iktar minn 25 % tar-riskji ttrasferiti, skont il-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT jikser il-prinċipju ġenerali li kienu stabbiliti minn din is-sussidjarja (premessa 128);

— il-miżuri kkontestati għandhom jiġu analizzati b'mod parallel u ċ-ċirkustanza li SACE hija kumpannija parent ta' Sace BT bl-ebda mod ma kien jippermetti li din aġixxiet kif kienet taġixxi impriża privata f'sitwazzjoni simili (premessi 126 u 129);

— il-kopertura ta' riassigurazzjoni inkwistjoni ppermettiet lil Sace BT li żżid il-kapaċità tagħha ta' assigurazzjoni tal-kreditu (premessi 126 u 130).

102 Minn naħa, ir-rikorrenti jikkontestaw l-analiżi tal-Kummissjoni li riassiguratur privat ma kienx jissottoskrivi għall-kopertura ta' riassigurazzjoni mogħtija minn SACE lil Sace BT bl-istess kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni bħal dawk applikati mir-riassiguraturi privati għal livell inqas ta' riskju. Min-naħa l-oħra, huma jsostnu li l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-ammont tal-għajnuna ta' 10 % tal-ammont tal-kummissjoni mħallsa minn Sace BT lil SACE hija vvizzjata bi żball ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' motivazzjoni.

103 Jeħtieġ li jiġi eżaminat qabel xejn jekk il-Kummissjoni setgħetx tikkunsidra ġustament li SACE, billi tat bil-kundizzjonijiet sottoskritti l-kopertura ta' riassigurazzjoni kkontestata lil Sace BT, ma aġixxietx bħal ma kien jaġixxi riassiguratur privat f'sitwazzjoni simili, qabel ma jiġi vverifikat jekk l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-ammont tal-għajnuna hijiex immotivata suffiċjentement.

Fuq il-paragun tal-aġir ta' SACE ma' dak ta' riassiguratur privat

104 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-argumenti tal-Kummissjoni maħsuba sabiex juru li SACE ma aġixxietx kif kien jagħmel riassiguratur privat. Fl-ewwel lok, il-holding tal-operaturi privati, għal parti limitata, għall-kopertura ta' riassigurazzjoni XoL ma jispjegax ruħu mir-riskji speċifiċi tal-portafoll ta' Sace BT, ikkaratterizzat minn evoluzzjoni storika favorevoli għar-riassiguraturi, iżda essenzjalment mir-riluttanza tal-operaturi li jirregolaw b'mod ċikliku, b'mod partikolari billi jnaqqsu l-kapaċità tagħhom, fil-kuntest tad-diffikultajiet tagħhom u dawk tas-suq. Għall-kuntrarju, SACE bbenefikat minn patrimonju solidu u minn evoluzzjoni ekonomika pożittiva li kienet tippermettilha li tieħu l-opportunitajiet tas-suq. Dan huwa kkonfermat mill-benefiċċju importanti miksub abbażi tal-kuntratt ta' riassigurazzjoni konkluż ma' Sace BT, peress li SACE ma rreġistrat l-ebda dannu abbażi tal-kummissjonijiet li ddaħħlu li jammontaw għal EUR 1.56 miljun.

105 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssostni b'mod żbaljat, fir-risposta, li l-kunsens ta' SACE għall-kuntratt ta' riassigurazzjoni XoL ta' Sace BT kienet għażla mhux "awtonoma, iżda [...] ddeterminata mir-rifjut ta' suq li jkopri iktar minn 25.85 % tar-riassigurazzjoni". Ma kien jeżisti l-ebda dispożizzjoni legali jew ta' solvenza li tobbliga lil Sace BT li jkollha kopertura ta' riassigurazzjoni XoL integrali. Il-kuntratt ta' riassigurazzjoni XoL inkwistjoni kienet tkopri unikament minn ċerti danni ddeterminati li huma ta' natura eċċezzjonali. Għaldaqstant dan il-kuntratt ma kellux bħala l-għan tiegħu li jtejjeb ir-rendiment tekniku kurrenti ta' Sace BT, u lanqas li jippermetti lil din tal-aħħar li tikkostitwixxi kapaċitajiet addizzjonali. Il-kopertura ta' riassigurazzjoni ġiet sottokritta bejn SACE u Sace BT bil-perspettiva ta' benefiċċju reċiproku. L-għan segwit minn Sace BT kien li jitnaqqsu r-riskji estremi bil-għan li tiġi protetta l-istat solidu tagħha kemm fuq bażi ta' perijodu medju ta' żmien kif ukoll fuq bażi ta' perijodu twil ta' żmien. Għall-kuntrarju, SACE kienet interessata fid-diversifikazzjoni mmarkata tal-portafoll ta' Sace BT u f'fażi ta' ċiklu ekonomiku li fih il-primjums tal-assigurazzjoni kienu għoljin ħafna.

106 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jallegaw li, waqt l-adozzjoni tat-tieni miżura, ir-riassigurazzjoni kienet prodott offrut minn SACE lill operaturi kollha tas-suq, b'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk mogħtija lil Sace BT. SACE ma ssottoskrivietx tali kuntratti ma' operaturi oħrajn, sempliċiment minħabba l-assenza ta' proposti naxxenti minn operaturi oħrajn, peress li fi ħdan il-gruppi ta' assigurazzjoni l-operaturi jibbenefikaw mill-kopertura preferenzjali tal-kumpanniji tagħhom speċjalizzati fir-riassigurazzjoni. Għaldaqstant xejn ma kien jawtorizza lill-Kummissjoni tikkunsidra li t-talbiet ta' kopertura ta' assigurazzjoni bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk mogħtija lil Sace BT kienu ġew miċħuda.

107 Fir-raba' lok, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, fil-premessa 128 tad-deċiżjoni kkontestata, li riassiguratur privat qatt ma kien jaċċetta li jkopri parti ta' riassigurazzjoni daqshekk għolja bil-kundizzjonijiet mogħtija minn SACE lil Sace BT, ma hija sostnuta minn ebda riżultat ta' istruzzjoni. Issa, kif imsemmi fil-premessa 179 tad-deċiżjoni kkontestata, id-deċiżjoni ta' SACE li tassumi din il-parti tal-kopertura hija bbażata fuq analiżi tar-riskji/profittabbiltà tad-19 ta' Marzu 2009, imwettqa mis-servizz ta' ġestjoni tar-riskji ta' din il-kumpannija, abbażi tal-evalwazzjoni tal-aġent tal-assigurazzjoni AON Re Global, li kklassifika bħala profitabbli l-kuntratt ta' riassigurazzjoni XoL ta' Sace BT.

108 Fil-ħames lok, skont litteratura ekonomika dominanti u l-prattika tal-ikbar assiguraturi internazzjonali tas-suq, it-tariffi fl-attività tar-riassigurazzjoni ma tiddependix biss fuq il-livell ta' riskju assunt. Barra minn hekk, is-sempliċi deċiżjoni meħuda mir-riassiguraturi XoL tirrigwarda l-parti tar-riskju li għandha tiġi riassigurata. Fir-rigward tal-kummissjoni, din tiġi nnegozjata preliminarjament fil-kuntest ta' proċess ta' negozjati bejn it-trasferent, l-aġenti u r-riassiguraturi, u ma tavarjax skont ir-riassiguraturi jew il-partijiet tar-riskji assunti.

109 Fis-sitt lok, ir-rikorrenti jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, fil-premessa 130 tad-deċiżjoni kkontestata, li, essenzjalment, il-kopertura ta' riassigurazzjoni pprovduta minn SACE tat vantaġġ lil Sace BT, billi ppermettietilha li żżid il-kapaċità tagħha ta' assigurazzjoni tal-kreditu, mingħajr ma tassumi r-riskji inkwistjoni fuq il-fondi proprji tagħha jew li tipproponi remunerazzjoni tal-bilanċ tal-kopertura tagħha ta' riassigurazzjoni tal-inqas 10 % ogħla minn dik imħallsa lil riassiguraturi privati. Ir-rikorrenti jsostnu li l-volum u l-valur tal-kuntratti ffirmati matul eżerċizzju dipendenti fuq assjem ta' fatturi essenzjalment marbuta mal-għanijiet ta' żvilupp tal-kumpannija u mas-sotto-varjanti operazzjonali tagħhom.

110 Il-Kummissjoni tikkontesta dan l-argument.

111 Bil-għan li jiġi ddeterminat jekk SACE aġixxietx kif kien jaġixxi riassiguratur privat li jkun jinsab f'sitwazzjoni simili, il-Kummissjoni għandha tivverifika, fid-dawl tal-elementi rilevanti disponibbli għaliha, jekk, qabel tadotta t-tieni miżura, SACE kinitx wettqet evalwazzjoni ekonomika adegwata tal-profittabbiltà ta' din il-miżura fid-dawl tar-riskji assunti.

112 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li għalkemm, fil-kuntest tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, l-Istat Membru għandu, skont l-obbligu ta' kooperazzjoni leali previst fl-Artikolu 4(3) TUE, jipprovdi lill-Kummissjoni bl-elementi li jippermettulu li tiddeċiedi dwar in-natura tal-għajnuna mill-Istat tal-miżura inkwistjoni, il-Kummissjoni hija obbligata, skont l-obbligu tagħha ta' eżami diliġenti u imparzjali (ara l-punt 95 iktar 'il fuq), teżamina bir-reqqa l-elementi pprovduti lilha mill-Istat Membru (sentenza tat-30 ta' April 2014, Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni, T-179/09, EU:T:2014:236, punt 176). Skont l-ispirtu tal-proċedura ta' eżami formali, li tagħti lill-persuni kkonċernati ir-rwol ta; sorst ta' informazzjoni tal-Kummissjoni [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Mejju 2006, Kuwait Petroleum (Nederland) vs Il-Kummissjoni, T-354/99, Ġabra, EU:T:2006:137, punt 89], tali obbligu huwa impost ukoll fuq il-Kummissjoni fir-rigward tal-informazzjoni li tiġi kkomunikata lilha mill-persuni kkonċernati.

113 Issa, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-konformità tat-tieni miżura mal-kriterju tal-investitur privat, il-Kummissjoni ma ħaditx espliċitament pożizzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq il-kontenut tan-nota, stabbilta fid-19 ta' Marzu 2009 mis-servizz ta' ġestjoni tar-riskji ta' SACE bil-għan li tivverifika jekk ir-"rata stmata ta' profittabbiltà tal-ftehim ta' riassigurazzjoni kinitx konformi mar-riskji assunti", u invokata mir-rikorrenti (ara l-punt 107 iktar 'il fuq). Din in-nota ġiet madankollu kkomunikata lill-Kummissjoni minn SACE, matul il-proċedura amministrattiva, kif ikkonfermat mill-premessa 179 tad-deċiżjoni kkontestata, li ssemmi l-imsemmija nota u li tindika li, waqt il-laqgħa tagħha tal-1 ta' April 2009, il-bord tad-diretturi ta' SACE kien approva il-holding ta' SACE fil-kuntratt ta' assigurazzjoni li jeċċedi d-dannu ta' Sace BT għal ammont mhux kopert mir-riassiguraturi tas-suq.

114 In-nota tad-19 ta' Marzu 2009 hija madankollu ta' importanza ċara. Fil-fatt, jirriżulta mill-argumentazzjoni tal-partijiet u mill-atti tal-proċess li l-uniċi evalwazzjonijiet ekonomiċi li fuqhom ibbażat ruħha SACE sabiex tadotta t-tieni miżura, diskussa għall-ewwel darba waqt il-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' SACE tal-11 ta' Frar 2009, skont ir-rikorrenti, jinsabu f'din in-nota tad-19 ta' Marzu 2009 u fir-rapport tal-aġent tal-assigurazzjoni AON Re Global, li huwa l-bażi ta' din in-nota.

115 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jinvokaw l-ebda dokument ieħor li kien ġie ppreżentat lill-bord tad-diretturi ta' SACE fid-dawl tal-eżami tal-holding ta' din il-kumpannija fil-kuntratt ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT.

116 Madankollu, fid-dawl kemm tal-osservazzjonijiet ta' SACE u tal-awtoritajiet Taljani matul il-proċedura amministrattiva kif ukoll tal-kontenut tan-nota tad-19 ta' Marzu 2009 u tar-rapport ta' AON Re Global imsemmija iktar 'il fuq, ma jistax jiġi allegat li l-Kummissjoni ma ddeċidietx espliċitament dwar il-kontenut ta' din id-data, fid-deċiżjoni kkontestata, bil-għan li tevalwa jekk l-għoti tat-tieni miżura hijiex ibbażata fuq analiżi preliminari tal-profittabbiltà tagħha.

117 Fil-fatt, minn naħa, ma jirriżultax mis-sinteżi tal-osservazzjonijiet tagħhom fil-punti 68 sa 71 tad-deċiżjoni kkontestata, u r-rikorrenti kif ukoll ir-Repubblika Taljana ma jsostnux quddiem il-Qorti Ġenerali, li huma kienu sostnew, waqt il-proċedura amministrattiva, li SACE kienet wettqet analiżi *ex ante* tal-profittabbiltà tat-tieni miżura u għalhekk tar-razzjonalità ekonomika tagħha, abbażi tad-dokumenti msemmija iktar 'il fuq. Waqt il-proċedura amministrattiva, huma enfasizzaw il-fatt li l-kundizzjonijiet sottoskritti minn SACE kienu identiċi għal dawk aċċettati mir-riassiguraturi privati li pparteċipaw bil-kopertura ta' assigurazzjoni ta' Sace BT.

118 Min-naħa l-oħra, in-nota tad-19 ta' Marzu 2009 tirriżulta mid-dipartiment ta' ġestjoni tar-riskji ta' SACE, servizz li kien inkarigat jivverifika l-profittabbiltà stmata tal-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT kienet konformi tar-riskji assunti. Issa, dan id-dipartiment kien ħareġ opinjoni favorevoli għall-parteċipazzjoni ta' SACE f'dan il-ftehim, billi bbaża ruħu essenzjalment fuq ir-rapport tal-aġent tal-assigurazzjonijiet AON Re Global, tal-14 ta' Novembru 2008. Dan ir-rapport kien jinkludi stimi, imwettqa għal Sace BT bil-ħsieb tat-tiġdid tat-trattat tiegħu ta' riassigurazzjoni, fl-2009, u bbażati fuq l-analiżi tal-inċidenza tat-trattat ta' riassigurazzjoni tal-2008 fuq ir-riżultati u r-rekwiżiti attwali u futuri ta' Sace BT fil-qasam tal-fondi proprji. Fin-nota tad-19 ta' Marzu 2009, id-dipartiment ta' ġestjoni tar-riskji ta' SACE madankollu ma wettaq l-ebda aġġornament tal-informazzjoni tal-2008. La n-nota tad-19 ta' Marzu 2009 u lanqas ir-rapport ta' AON Re Global ma kienet b'hekk tieħu kont tal-kriżi finanzjarja li kienet laqgħtet l-ekonomija Ewropea fl-aħħar tas-sena 2008 u li kienet tat lok għal deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika fiż-żona tal-ewro fl-2009. Barra minn hekk, din in-nota lanqas ma tinkludi l-iċken indikazzjoni li tippermetti li tiġi preżunta li l-importanza tal-parteċipazzjoni fil-ftehim, à sal-limitu ta' 74,15 %, previst minn SACE u, għaldaqstant, l-importanza tal-espożizzjoni tagħha għar-riskji, kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-profittabbiltà stmata ta' tali parteċipazzjoni.

119 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tieħu pożizzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq il-valur probatorju tan-nota tad-19 ta' Marzu 2009 u tar-rapport tal-14 ta' Novembru 2008. Kien suffiċjenti li hija tesponi b'mod suffiċjenti ir-raġunijiet li abbażi tagħhom hija kienet ikkunsidrat li l-operaturi privati ma kinux jaċċettaw li jissottoskrivu t-tieni miżura bil-kundizzjonijiet mogħtija lil SACE.

120 Isegwi li l-Kummissjoni ma kellha dokument bil-miktub rilevanti meta hija analizzat il-kwistjoni dwar jekk SACE aġixxietx bħala riassiguratir privat. Għaldaqstant hemm lok li jiġi mistħarrġa l-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-assenza tal-komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-elementi ta' evalwazzjoni ekonomika preliminari, rilevanti u ddokumentati tal-profittabbiltà stmata tat-tieni miżura b'mkont meħud tal-fatturi kollha li riassiguratur privat, li jaġixxi fil-kundizzjonijiet tas-suq, kien jieħu inkunsiderazzjoni.

121 Ċertament, skont il-ġurisprudenza (ara l-punt 97 iktar 'il fuq), huwa l-Istat Membru jew l-entità pubblika kkonċernata li għandu/ha juri jew turi li d-deċiżjoni tiegħu/tagħha kienet ibbażata fuq evalwazzjonijiet ekonomiċi paragunabbli ma' dawk li kien jagħmel operatur privat razzjonali li jkun jinsab f'sitwazzjoni simili, qabel ma jadotta l-miżura kkunsidrata, sabiex jistabbilixxi l-profittabbiltà futura ta' tali investiment. Għal dan l-għan, il-provvista waqt il-proċedura amministrattiva ta' studji ta' kumpanniji konsultattivi indipendenti mitluba qabel l-adozzjoni tal-miżura kkunsidrata tista' tikkontribwixxi sabiex turi li l-Istat Membri jew l-entità pubblika implementa/t din il-miżura fil-kwalità tagħha ta' operatur fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, punt 97 iktar 'il fuq, EU:T:2014:604, punt 49).

122 Madankollu, l-elementi ta' evalwazzjoni ekonomika rikjesti min-naħa tal-entità pubblika li tqassam l-għajnuna għandhom jiġu evalwati b'mod konkret u jvarjaw skont in-natura u l-portata tar-riskji ekonomiċi assunti (ara l-punt 98 iktar 'il fuq). F'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-profittabbiltà tat-tieni miżura, li tikkonsisti fi tranżazzjoni kummerċjali, tista' titwettaq abbażi ta' analiżi relattivament limitat, minn naħa, tar-riskji assunti u, min-naħa l-oħra, tan-natura adegwata tal-ammont ta' kummissjoni ta' riassigurazzjoni fid-dawl tal-portata tar-riskju.

123 F'dawn il-kundizzjonijiet, fid-dawl tal-ammont ċertament mhux negliġibbli iżda madankollu relattivament limitat tat-tranżazzjoni, is-sempliċi ċirkustanza li SACE ma pproduċietx il-prova li hija kienet wettqet evalwazzjoni ekonomika *ex ante* tal-ammont tal-primjum li jirrifletti l-livell ta' riskju assunt, sabiex turi l-profittabbiltà tal-kopertura ta' assigurazzjoni ta' Sace BT, ma hijiex suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li hija ma aġixxietx bħala riassiguratur privat li jkun jinsab f'sitwazzjoni paragunabbli.

124 Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu eżaminati l-indizji li bbażat ruħha fuqhom il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, sabiex tallega li SACE tat il-bilanċ tal-kopertura ta' riassiguirazzjoni bl-istess kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni bħal dawk applikati mir-riassiguraturi privati għal riskji inqas għoljin.

125 Fl-ewwel lok, fost dawn l-indizji, il-Kummissjoni insistiet b'mod partikolari fuq il-fatt li, minkejja d-diversi tentattivi tagħha, Sace BT ma rnexxiliex tikseb mingħand riassiguraturi privati, kopertura ta' riassigurazzjoni li teċċedi l- 25.85 % (ara l-ewwel inċiż tal-punt 101, iktar 'il fuq). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jallegaw li r-rifjut tar-riassiguraturi privati li jassumu, fl-2009, għall-kuntrarju tas-snin preċedenti, kopertura ta' riassigurazzjoni li teċċedi l-25.85 %, jispjega ruħu mit-tnaqqis ċikliku tal-attività tagħhom, sabiex tiġi ffaċjata is-sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika u finanzjarja, u mhux mir-riskji marbuta mal-portafoll ta' Sace BT (ara l-punt 104 iktar 'il fuq).

126 Filwaqt li jiġi ammess li s-sitwazzjoni ta' kriżi kkostitwiet wieħed mill-fatturi ta' dan ir-rifjut tal-assiguraturi privati milli jipparteċipaw fil-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT lil hinn minn 25.85 % (ara l-punt 100 iktar 'il fuq), hemm lok li jiġi rrilevat li l-kriżi kienet taffettwa l-kundizzjonijiet tas-suq u żżid ir-riskju ta' danni għall-operaturi kollha kkonċernati, inkluża SACE, minkejja n-natura solida tal-patrimonju tagħha u l-evoluzzjoni pożittiva tal-attività tagħha, invokati mir-rikorrenti. Issa, il-kuntest ta' kriżi u t-tnaqqis allegat tal-offerta ta' riassigurazzjoni, jistgħu biss iwasslu lil operatur razzjonali li jevalwa b'attenzjoni ikbar ir-riskji assunti u l-profittabbiltà tat-tranżazzjoni inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-konferma tal-kummissjoni, fil-premessa 128 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kriżi finanzjarja wasslet għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet ta' riassigurazzjoni iktar ħorox (ara t-tieni inċiż tal-punt 101 iktar 'il fuq) ma hijiex barra minn hekk ikkontestata mir-rikorrenti.

127 Issa, ir-rikorrenti ma jressqu l-ebda element li jippermetti li jiġi preżunt li l-evalwazzjoni mir-riassiguraturi privati tal-profittabbiltà ta' holding ogħla fil-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, fir-rigward tal-importanza tar-riskji assunti, ma kellu rwol essenzjali f'dan ir-rifjut. Ċertament ir-rikorrenti jallegaw li l-eżami tal-ftehimiet ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, tal-2009 sal-2011, juru li "r-rata ta' kreditu mħallsa lil riassiguraturi differenti kienet l-istess", minkejja li l-ishma assigurati mill-operaturi privati differenti varjaw minn 2.5 % sa 10 % fl-2009 (ara l-punt 100 iktar 'il fuq) u minn 5 % sa 15 % fl-2010 u fl-2011. Bl-istess mod, jirriżulta mir-risposta tar-rikorrenti għall-mistoqsija bil-miktub tal-Qorti Ġenerali li, mill-2005 sal-2008, perijodu li matulu Sace BT kienet kisbet il-kopertura kollha tagħha ta' riassigurazzjoni fis-suq, l-ammont tal-kummissjoni prevista mill-ftehimiet ta' riassigurazzjoni annwali għall-kopertura tar-riskji kollha riassigurati ta' Sace BT kien imħallas ukoll minn din tal-aħħar lir-riassiguraturi differenti *pro rata* għar-rata rispettiva tagħhom ta' parteċipazzjoni fl-imsemmija ftehimiet. Madankollu, matul dan il-perijodu, ir-rati ta' kopertura sottoskritti mir-riassiguraturi privati kienu bejn 3 u 28 %. Dawn ir-rati differenti ta' parteċipazzjoni maqbula mir-riassiguraturi privati, bl-istess kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni, madankollu ma jibbilanċjawx mal-holding ta' 74.15% ta' SACE fil-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT tal-2009. Għaldaqstant, il-kuntratti l-antiki ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, invokati mir-rikorrenti, ma jippermettux li jiġi konkluż fir-rigward tal-korrelazzjoni li kienet tiġi stabbilita minn operaturi privati li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni simili, bejn il-livell tar-remunerazzjoni u d-deċiżjoni li tingħata kopertura ta' riassigurazzjoni ta' iktar minn 74 %.

128 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kontroversja marbuta mal-kwistjoni dwar jekk il-kopertura ta' riassigurazzjoni kkontestata ingħatatx minn SACE lil Sace BT sabiex tagħmel tajjeb għall-"assenza ta' kapaċità ta' riassigurazzjoni" fis-suq, kif iddikjarat fil-verbal tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' SACE tas-26 ta' Mejju 2009, invokat mill-Kummissjoni, jew bil-ħsieb ta' benefiċċju reċiproku, kif isostnu r-rikorrenti (ara l-punt 105 iktar 'il fuq), jeħtieġ li jitfakkar, qabel xejn, li huwa stabbilit bejn il-partijiet li Sace BT ma rnexxilhiex tikseb, fis-suq, il-bilanċ ta' 74.15 % tal-kopertura tagħha ta' riassigurazzjoni bil-kundizzjonijiet aċċettati minn SACE (ara l-punt 100 iktar 'il fuq).

129 Sussegwentement, jeħtieġ li jitfakkar li ma jirriżultax la mill-fajl u lanqas mid-dokumenti kkomunikati lill-Kummissjoni waqt il-proċedura amministrattiva u prodotti mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali fuq talba ta' din tal-aħħar li t-tieni miżura ġiet prevista mill-angolu tal-profittabbilità tagħha għal SACE. Dawn huma b'mod partikolari l-verbal tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' SACE tal-11 ta' Frar 2009, li matulha il-parteċipazzjoni ta' SACE fil-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT tal-2009 ġiet iddeliberata għall-ewwel darba, u dak tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi tal-1 ta' April 2009, li matulha ġiet approvata l-adozzjoni tat-tieni miżura, kif ukoll id-dokumenti ppreżentati lill-bord tad-diretturi waqt dawn iż-żewġ laqgħat. Fl-aħħar, mill-verbal tal-1 ta' April 2009 jirriżulta b'mod espliċitu, li jattwa l-approvazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' SACE fil-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT għall-parti mhux aċċettata mir-riassiguraturi privati u bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk mogħtija lil dawn tal-aħħar, li din il-parteċipazzjoni ġiet deċiża, "fid-dawl tal-kuntest sfavorevoli [ta' dak il-ħin]", sabiex Sace BT tkun permessa żżomm il-kapaċità tagħha ta' assigurazzjoni b'mod partikolari fil-qasam tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, la l-verbal tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' SACE tas-26 ta' Mejju 2009 — li jfakkar "il-parteċipazzjoni ta' SACE fil-programm ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, b'mod konformi mad-deliberazzjonijiet tal-bord tad-diretturi tal-11 ta' Frar u tal-1 ta' April 2009" — u lanqas id-dokumenti suġġetti għall-imsemmi bord tad-diretturi, waqt din il-laqgħa, ma jinkludu elementi marbuta b'mod partikolari man-numru ta' danni rreġistrati minn Sace BT mill-bidu tas-sena 2009 (ara l-punt 134, iktar 'il fuq), li jippermettu li jiġi preżunt li l-profittabbiltà għal SACE tal-kopertura ta' riassigurazzjoni kkontestata ttieħdet inkunsiderazzjoni qabel is-sottoskrizzjoni ta' dan il-kuntratt favur Sace BT fil-5 ta' Ġunju 2009.

130 Fit-tielet lok, sabiex turi l-inadegwatezza tal-ammont tal-kummissjoni mħallsa minn Sace BT fil-livell tar-riskji assunti minn SACE, il-Kummissjoni ssostni, fil-premessa 128 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-telf kbir, fl-ammont ta' EUR 29.5 miljun, subit minn Sace BT fl-2008 iwassal għal riskji maġġuri fil-qasam tar-riassigurazzjoni.

131 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt, imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna nru 101 tal-premessa 128 tad-deċiżjoni kkontestata, li — skont il-verbal tal-ispezzjoni mwettqa fil-11 ta' Ottubru 2010 mill-Istituto per la vigilanza sulle assicurazione private (ISVAP, awtorità amministrattiva ta' sorveljanza tal-assigurazzjonijiet privati Taljani), fil-postijiet ta' Sace BT, prodotti mill-Kummissjoni fuq talba tal-Qorti Ġenerali — diversi riassiguraturi privati li kienu pparteċipaw fid-diskussjonijiet dwar it-tiġdid tar-riassigurazzjoni ta' Sace BT kienu esprimew il-preukkopazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni ta' din l-impriża. B'hekk, wieħed mir-riassiguraturi spjega r-rifjut tiegħu li jipparteċipa fil-ftehim ta' riassigurazzjoni li teċċedi d-danni tal-2009 b'mod partikolari bir-rata għolja ta' telf fl-aħħar sentejn u bil-prezz tal-programm. Barra minn hekk, waqt is-seduta, il-Kummissjoni ddikjarat, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti u mir-Repubblika Taljana, ir-rabta bejn, minn naħa, l-espożizzjoni tar-riassiguraturi għar-riskji u, min-naħa l-oħra, id-diffikultajiet finanzjarji subiti minn Sace BT u fl-2008 minħabba ż-żieda tad-danni wara l-kriżi.

132 Ċertament, ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana indikaw f'dan ir-rigward, waqt is-seduta, li, fil-mument tas-sottoskrizzjoni minn SACE tal-bilanċ tal-kopertura ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, fil-5 ta' Ġunju 2009, kien għadu ma seħħ l-ebda dannu. Madankollu, la mill-fajl u lanqas mill-elementi prodotti mir-rikorrenti ma jirriżulta li l-assenza ta' danni matul l-ewwel trimestru tal-2009, u sussegwentement matul ix-xahrejn suċċessivi, ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-bord tad-diretturi ta' SACE, waqt l-approvazzjoni tat-tieni miżura, fl-1 ta' April 2009, jew waqt l-iffirmar tal-kuntratt, fil-5 ta' Ġunju 2009, kif ġie kkonstatat fil-punt 129 iktar 'il fuq.

133 Barra minn hekk, ma huwiex stabbilit, u r-rikorrenti kif ukoll ir-Repubblika Taljana barra minn hekk ma jsostnux, li l-assenza ta' danni, qabel is-sottoskrizzjoni tal-kopertura ta' riassigurazzjoni kkontestata, fil-5 ta' Ġunju 2009, inġabet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni, waqt il-proċedura amministrattiva, bil-għan li tiġi ġġustifikata l-adozzjoni tat-tieni miżura. Issa, b'mod konformi mal-ġurisprudenza (sentenza tal-25 ta' Ġunju 2008, Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni, punt 83 iktar 'il fuq, EU:T:2008:222, punt 56; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost u La Poste vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, Ġabra, EU:C:2008:375, punt 144 , u Il-Kummissjoni vs Scott, punt 95 iktar 'il fuq, EU:C:2010:480, punt 91) , il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi evalwata skont l-informazzjoni li l-Kummissjoni seta' jkollha fil-mument li tkun adottata. Konsegwentement, sa fejn ir-rikorrenti u r-Repubblika Taljana ma kkomunikawx din id-data lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva, huma ma jistgħux, sabiex jikkontestaw il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, jipprevalixxu ruħhom mil-fatt li, matul il-ħames xhur ta' qabel is-sottoskrizzjoni tal-kopertura ta' riassigurazzjoni kkontestata favur Sace BT, ma ġie rreġistrat l-ebda dannu, b'tali mod li r-riskji assunti minn SACE kienu iktar limitati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2002, Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-382/99, Ġabra, EU:C:2002:363, punt 76). Barra minn hekk, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni rrilevat ġustament, waqt is-seduta, li l-argument ġdid ibbażat fuq l-assenza ta' danni matul l-ewwel ħames xhur tas-sena 2009, invokat għall-ewwel darba waqt is-seduta, kien inammissibbli skont l-Artikolu 48(2) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, dan l-argument ma jistax jiġi kkunsidrat bħala żvilupp tal-invokazzjoni vaga u mhux iċċirkustanzjata, mir-rikorrenti, fir-rikors, tal-"evoluzzjoni storika favorevoli għar-riassiguraturi" tal-portafoll ta' Sace BT (ara l-punt 104 iktar 'il fuq).

134 Fl-aħħar, skont il-ġurisprudenza, il-konstatazzjoni retrospettiva, invokata minn SACE waqt il-proċedura amministrattiva, li t-tieni miżura effettivament ippermettiet lil din il-kumpannija li tikseb benefiċċju ekonomiku kbir fl-2009, peress li ma ġie rreġistrat l-ebda dannu fir-rigward tal-primjums miġbura fl-ammont ta' EUR 1.56 miljun, hija irrilevanti, sa fejn din hija bbażata fuq sitwazzjoni sussegwenti għall-adozzjoni tat-tieni miżura (ara l-punt 93 iktar 'il fuq).

135 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni rrilevat, fl-aħħar tal-premessa 128 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-għoti ta' parti mir-riassigurazzjoni hemm għolja lil kumpannija waħda u unika jista' jkun mhux konformi mal-prinċipji ġenerali tar-riassigurazzjoni, kif dan ġie rrilevat mill-ISVAP fil-verbal tal-ispezzjoni tagħha fil-postijiet ta' Sace BT, fil-11 ta' Ottubru 2010. F'dan ir-rigward, mill-ispjegazzjonijiet tar-rikorrenti u mill-verbal, jirriżulta li waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu tat-22 ta' April 2008, il-bord tad-diretturi ta' Sace BT kien iddeċieda li n-numru ta' riassiguraturi parteċipanti fil-ftehim ta' riasssigurazzjoni tiegħu kellu jkun ta' natura li jiżgura tqassim adegwat tar-riskji bejniethom u li l-ebda riassiguratur ma kellu jintalab ikopri rata ta' riassigurazzjoni ta' iktar minn 25 %. Dan jikkonferma li Sace BT irrikorriet għand il-kumpannija parent tagħha, fl-2009, peress li kien irnexxielha tikseb biss kopertura ta' riassigurazzjoni totali ta' 25.85 % fis-suq u dan minkejja id-diversi tentattivi tagħha.

136 Dawn l-elementi jikkorroboraw l-assenza ta' razzjonalità ekonomika tad-deċiżjoni ta' SACE li toffri lis-sussidjarja tagħha kopertura li tikkorrispondi għal kważi t-triplu tal-massimu ta' 25 % irrilevat minn ISVAP u ddefinit minn Sace BT, u dan speċjalment meta SACE qatt fil-prattika ma offriet kuntratti ta' riassigurazzjoni qabel, minkejja li l-Artikolu 6(4) tal-istatuti tagħha kien awtorizzaha toffri tali kuntratti bil-kundizzjoni li dawn jiġu stabbiliti bil-kundizzjonijiet tas-suq (ara l-punt 106 iktar 'il fuq).

137 Fil-ħames lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni tar-riassiguraturi privati li jipparteċipaw fi ftehim ta' riassigurazzjoni, kif ukoll ir-rata ta' parteċipazzjoni tagħhom, dipendenti b'mod partikolari fuq il-livell tar-remunerazzjoni propost fid-dawl tal-portata tar-riskji assunti (ara l-punt 108 iktar 'il fuq), jeħtieġ li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jiġu miċħuda. Qabel xejn, il-proċess ta' negozjati tal-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni proposti fil-ftehim ta' riassigurazzjoni bl-ebda mod ma jfisser li l-livell tar-remunerazzjoni previst fi tmiem dawn in-negozjati, mill-ftehim ta' riassigurazzjoni, ma jaffettwax b'mod sinifikattiv id-deċiżjoni tar-riassiguraturi privati li jipparteċipaw jew le f'dan il-ftehim, u fuq il-parti tar-riskju li huma jaċċettaw, fejn applikabbli, li jissottoskrivu. Barra minn hekk, fir-rigward tal-proċess legali li seta' jippermetti lil riassiguratur, bħal SACE, li jikseb, bħala korrispettiv

għas-sottoskrizzjoni tal-bilanċ tal-kopertura ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, remunerazzjoni ogħla minn dik prevista mill-ftehim ta' riassigurazzjoni tal-2009 sottoskritt mir-riassiguraturi privati fl-ammont ta' rata globali ta' 25.85 %, il-Kummissjoni indikat, waqt is-seduta, b'risposta għad-domanda tal-Qorti Ġenerali, li l-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT imsemmi iktar 'il fuq kien jikkonċerna biss 25 % tar-riskji riassigurati minn din il-kumpannija. Għaldaqstant, seta' jiġi nnegozjat ftehim ieħor ta' riassigurazzjoni, li jipprevedi remunerazzjoni differenti fir-rigward tal-bilanċ tal-kopertura ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT għall-2009, fatt li ma ġiex ikkontestat waqt is-seduta la mir-rikorrenti u lanqas mir-Repubblika Taljana.

138 Sussegwentement, l-argument tar-rikorrenti li, skont il-litteratura ekonomika dominanti, it-tariffa ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni tiddependi fuq assjem ta' fatturi, bħas-sitwazzjonijiet kontinġenti tas-suq u l-predispożizzjoni tal-operaturi kkonċernati li jipprivileġġaw ċerti kategoriji ta' riskji, ma jfissirx li l-importanza tar-riskji assunti ma tikkostitwixxix iktar minn fattur negliġibbli fl-iffissar tat-tariffa.

139 Fl-aħħar, l-argument marbut mal-prassi tal-ikbar riassiguraturi internazzjonali, imressqa mir-rikorrenti (ara l-punt 108 iktar 'il fuq), ma jippermettix li tiġi stabbilita l-eżistenza, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ta' korrelazzjoni negliġibbli bejn il-livell tar-riskji assunti u dak tar-remunerazzjoni. Minn naħa, dan l-argument huwa bbażat fuq l-ittra, tat-18 ta' April 2013, ta' AON Benfield Italia SpA Insurance & Reinsurance Brokers lil Sace BT, li tiddikjara li "[setgħu] jikkonfermaw abbażi tal-esperjenza [tagħhom] ta' aġenti fir-riassigurazzjoni, li fil-prinċipju l-ispiża (kummissjoni u taxxi) ta' ftehim proporzjonali jew XL hija indipendenti min-naħa tal-parteċipazzjoni (u l-kuntrarju)". Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu li t-tieni miżura hija assimilabbli għall-każijiet, mhux rari, ta' teħid ta' responsabbiltà għal partijiet kbar ta' riskju, lil hinn minn 50 %, mil-kumpanniji f'ras il-grupp.

140 Ċertament, l-ittra msemmija iktar 'il fuq, għalkemm inkitbet wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, hija bbażata fuq informazzjoni disponibbli waqt l-adozzjoni tat-tieni miżura. Madankollu, la l-kontenut ta' din l-ittra u lanqas l-argument marbut mal-kumpanniji f'ras il-grupp ma huma marbuta speċifikament mal-kuntratti ta' riassigurazzjoni li teċċedi d-dannu. Permezz tal-karattru ġenerali tagħhom, dawn l-elementi ma jippermettux li jiġu mxejna l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati, fid-dawl tal-elementi disponibbli għaliha, fuq il-kuntest ta' din il-kawża, ikkaratterizzat b'mod partikolari mir-rifjut tal-riassiguraturi privati li jipparteċipaw b'mod iktar wiesgħa fil-ftehim ta' riassigurazzjoni ta' Sace BT, u fuq l-assenza ta' adegwatezza bejn l-ammont tal-kummissjoni u l-livell ta' riskju assunt, fi-dawl tal-kobor tal-parteċipazzjoni ta' SACE fil-kopertura ta' riassigurazzjoni.

141 Fis-sitt lok, b'mod kuntrarju għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti (ara l-punt 109 iktar 'il fuq), is-sottoskrizzjoni minn SACE ta' kopertura ta' riassigurazzjoni favur Sace BT bil-kundizzjonijiet tal-prezz li huma differenti minn dawk li jirriżultaw mill-forzi tas-suq tikkostitwixxi fiha nnifisha vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li SACE hija stess irrikonoxxiet, waqt il-proċedura amministrattiva, li din il-kopertura ta' riassigurazzjoni ppermettiet lil Sace BT li żżid il-kapaċità tagħha ta' assigurazzjoni tal-kreditu. Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti li ma teżistix relazzjoni proporzjonali u kwantifikabbli bejn il-parti tal-attività ċeduta bħala riassigurazzjoni u l-kapaċità sottoskritta ma għandu l-ebda relazzjoni mal-konferma tal-Kummissjoni, fil-premessa 130 tad-deċiżjoni kkontestata, li tiddikjara li, fl-assenza ta' tali kopertura, Sace BT kellha jew tassumi r-riskji inkwistjoni fuq il-fondi proprji tagħha, jew tipproponi primjum tal-inqas 10 % ogħla bil-għan li tikseb ir-riassigurazzjoni. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma humiex fondati meta jallegaw li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx x'kienet tkun il-kapaċità tal-assigurazzjoni tal-kreditu ta' Sace BT, fl-assenza tal-kopertura ta' riassigurazzjoni mogħtija minn SACE, peress li l-vantaġġ riċevut minn Sace BT, li hija ma kinitx tikseb fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, kien jinsab preċiżament fil-kundizzjonijiet tal-prezz preferenzjali mogħtija minn SACE.

142 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-elementi disponibbli għaliha waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni setgħat tikkonkludi ġustament li t-tieni miżura kien adottata favur Sace BT b'kundizzjonijiet tal-prezz preferenzjali u li

l-vantaġġ b'hekk konferit lil Sace BT kien jikkonsisti fid-differenza bejn il-kummissjoni ta' riassigurazzjoni li riassiguratur privat kien jirrikjedi għall-parti ta' riassigurazzjoni hekk għolja u dik applikata minn SACE.

143 F'dawn il-kundizzjonijiet, hemm lok li jiġi miċħuda bħala ineffettivi l-argumenti tar-rikorrenti invokati fl-istadju tar-replika u maħsuba sabiex jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li saret fil-premessa 129 tad-deċiżjoni kkontestata, li tistabbilixxi li l-konklużjoni tal-kuntratt ta' riassigurazzjoni għandha tiġi analizzata b'mod konġunt mal-kontribuzzjonijiet tal-kapital, bil-għan li jiġi vverifikat jekk kumpannija parent privata kinitx taċċetta li tagħti lis-sussidjarja tagħha kopertura ta' riassigurazzjoni b'kundizzjonijiet preferenzjali inkonnessjoni mal-prezz tas-suq, meta din tal-aħħar ma tiksibx din il-kopertura bil-prezz propost.

Fuq l-assenza allegata ta' motivazzjoni tal-evalwazzjoni tal-ammont tal-għajnuna

144 Fir-rigward tal-metodu magħżul mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata, id-deċiżjoni kkontestata tillimita ruħha sabiex tiddikjara, fil-premessa 128, li, "[b']mod konformi mal-prassi deċiżjonali tagħha, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li l-kummissjoni marbuta ma' parti mir-riassigurazzjoni u mir-riskju hekk għoli kellha tkun ogħla b'tal-inqas 10 % minn dik applikata mir-riassiguraturi privati għal parti mir-riassigurazzjoni u mir-riskju inferjuri" u li, "[g]ħas-somma ta' EUR 1.56 miljun imħallsa minn Sace BT lil SACE, l-ammont tal-għajnuna li għandha tiġi rkuprata jammonta għal EUR 156 000". Id-deċiżjoni kkontestata tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-23 ta' Novembru 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat C 28/10 implimentata mill-Portugall għall-Iskema ta' assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir (ĠU 2014 L 244, p. 59), li fiha l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet metodu għall-kalkolu tas-somma li għandha tiġi rkuprata abbażi ta' ipoteżijiet raġjonevoli u prassi kurrenti tas-suq (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011").

145 Ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni ma esponietx ir-raġunijiet li abbażi tagħhom hija tqis li l-ammont tal-kummissjoni mħallsa minn Sace BT kellu jkun tal-inqas 10 % iktar minn dak tal-kummissjoni applikata mir-riassiguraturi privati.

146 Sabiex tiġi stabbilita n-natura insuffiċjenti tal-kummissjoni mħallsa lil SACE, meta mqabbla ma' dik imħallsa minn Sace BT lill-parteipċnti l-oħra fil-kuntratt ta' riassigurazzjoni, il-Kummissjoni sempliċiment għamlet riferiment għad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011. Issa, il-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni, fir-rigward tal-kwantifikazzjoni teoretika tal-prezz tas-suq tal-kopertura mogħtija mill-Istat b'110 % tal-prezz applikat mill-assiguratur privat lil kull klijent, ma tkunx tinftiehem. Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma spjegatx għaliex dan il-metodu ta' kalkolu, li ġie żviluppat fir-rigward ta' sistema ta' assigurazzjoni pubblika proporzjonali, li tiffunzjona bħala mekkaniżmu ta' tqassim tar-riskji (imsejħa "top-up") mal-assiguraturi privati, u interament distinta mir-riassigurazzjoni li teċċedi d-dannu, setgħet tiġi applikata, b'analoġija, fir-rigward tat-tieni miżura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet żball billi kkunsidrat li l-prinċipju ta' korrelazzjoni pożittiva bejn il-volum ta' riskju assunt u r-rata tal-kummissjoni, stabbilit għall-assigurazzjoni proporzjonali, kien applikabbli fir-rigward tar-riassigurazzjoni.

147 Il-Kummissjoni ssostni li, fid-dawl tad-diffikultà li jiġi ddeterminat l-ammont tal-primjum li kien jiġi rikjest mill-operaturi privati, sa fejn l-unika data magħrufa b'ċertezza kienet ir-rifjut ta' dawn tal-aħħar li jkopru flimkien iktar minn 25.85 % tar-riskju, hija adottat approċċ prudenti. Il-kalkolku mwettaq sabiex jintlaħaq il-perċentwali ta' 10 % kien stabbilit abbażi tal-preċedent Portugiż eżaminat fid-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011, li għalih il-Kummissjoni żviluppat metodu sabiex tiġi kkalkulata ż-żieda tal-primjum inkonnessjoni ma' żieda tar-riskju li tirriżulta minn espożizzjoni ikbar fuq il-livell tal-assigurazzjoni.

148 Id-differenza prinċipali u unika waħda rilevanti bejn il-żewġ kawżi tinsab fil-fatt li SACE ma wettqitx biss intervent addizzjonali ("top-up") sabiex tkopri l-parti mir-riskju mhux kopert mill-operaturi tas-suq, iżda assumiet ukoll perċentwal ta' riskju ħafna ogħla minn dak aċċettat mill-operaturi privati, fejn il-prinċipal ta' bejniethom assuma 10 % tar-riskji.

149 Skont il-ġurisprudenza, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tordna l-irkupru ta' ammont iddeterminat, bħal f'dan il-każ, hija għandha, skont l-obbligu tagħha ta' eżami diliġenti u imparzjali, tiddetermina, b'mod daqstant preċiż daqs kemm jippermettu ċ-ċirkustanzi tal-kawża, il-valur tal-għajnuna li bbenefikat minnhom l-impriża (sentenza Dunamenti Erőmű vs Il-Kummissjoni, punt 112 iktar 'il fuq, EU:T:2014:236, punt 177).

150 Barra minn hekk, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att in kwistjoni u għandha turi r-raġunament tal-istituzzjoni, l-awtur ta' l-att, b'mod ċar u mhux ekwivoku sabiex il-persuni interessati jkunu jistgħu jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżuri meħuda u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li jista' jkollhom id-destinatarji jew persuni oħra kkonċernati direttament jew individwalment mill-att li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi Artikolu 296 ma għandhiex tiġi evalwata biss fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu iżda fid-dawl ukoll tal-kuntest tiegħu u tat-totalità tar-regoli legali li jirregolaw il-materja kkonċernata (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-279/08 P, Ġabra, EU:C:2011:551, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata).

151 F'dan il-każ, sabiex tiddetermina l-ammont tal-għajnuna, il-Kummissjoni sempliċiment tagħmel riferiment fid-deċiżjoni kkontestata għall-"prassi deċiżjonali" tagħha, li hija limitatata għad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011.

152 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-kunċett ta' għajnuna huwa ta' natura ġuridika u għandu jiġi interpretat fid-dawl ta' elementi oġġettivi. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni ta' miżura ta' għajnuna mill-Istat ma tistax tiddependi fuq evalwazzjoni suġġettiva tal-Kummissjoni u għandha tiġi ddeterminata indipendentement minn kull prassi amministrattiva preċedenti ta' din l-istituzzjoni, preżunta li hija stabbilita (ara s-sentenza Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, punt 97 iktar 'il; fuq, EU:T:2014:604, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

153 Għaldaqstant, sabiex tipi stabbilita l-eżistenza ta' għajnuna, il-Kummissjoni ma tistax sempliċiment tagħmel riferiment għall-"prassi deċiżjonali" tagħha. Hija obbligata li twettaq analiżi diliġenti u imparzjali, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni applikabbli, tal-elementi oġġettivi kollha disponibbli għaliha. Dan jgħodd ukoll meta l-Kummissjoni tiddetermina l-ammont tal-għajnuna li hija tordna l-irkupru tagħha. Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tistax sempliċiment tagħmel riferiment għad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011, iżda kienet obbligata li twettaq eżami diliġenti u imparzjali tal-elementi oġġettivi disponibbli, sabiex tiddetermina, b'mod kemm jista' jkun preċiż, l-ammont tal-għajnuna.

154 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li f'dan il-każ il-Qorti Ġenerali għandha tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, u mhux tiddeċiedi fuq il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011 hijiex korrettement immotivata jew le, kif jitolbu r-rikorrenti (ara l-punt 146 iktar 'il fuq). Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tillibera ruħha mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni f'dan il-każ billi sempliċiment tagħmel riferiment għall-metodoloġija żviluppata f'kawża oħra, mingħajr ebda spjegazzjoni marbuta mar-rilevanza ta' din il-metodoloġija sabiex tevalwa l-primjums ta' riassigurazzjoni mħallsa minn Sace BT lil SACE f'kuntest fattwali differenti (ara l-punti 152 u 153 iktar 'il fuq).

155 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tittrasponi, f'dan il-każ, il-metodu ta' kalkolu tas-somma li għandha tiġi rkuprata, elaborat fid-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011, hija kellha tesponi r-raġunijiet li abbażi tagħhom hija kienet tqis li dan il-metodu kien rilevanti u li turi b'mod ċar ir-raġunament segwit f'dan il-każ waqt l-applikazzjoni tiegħu, fid-dawl tal-elementi tal-proċess.

156 Issa, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu ġustament li l-Kummissjoni la esponiet il-metodu tal-kalkolu applikat u lanqas immotivat, fid-deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tan-natura u tal-karatteristiċi tal-kopertura ta' riassigurazzjoni li teċċedi d-dannu, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-traspożizzjoni ta' metodu ta' kalkolu tal-kummissjoni żviluppat fir-rigward ta' sistema ta' assigurazzjoni tal-kreditu pubbliku proporzjonali.

157 Qabel xejn, huwa korrett li s-sistema ta' assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni Portugiża, li tagħmel riferiment għaliha l-Kummissjoni, hija differenti minn dan il-każ. Din hija sistema ta' ko-assigurazzjoni tal-krediti għall-esportazzjoni u mhux riassigurazzjoni ta' assiguratur. Barra minn hekk, is-sistema Portugiża, li kienet prevista għall-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2010 (premessa 23 tad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011), taqa' fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja tal-2009 u ma kinitx tipprevedi s-sitwazzjoni finanzjarja partikolari ta' assiguratur wieħed, bħal Sace BT, li kienet issibbixxiet telf. Fuq kollox, mil-premessi 20 u 21 tad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011 jirriżulta li l-ammont kopert mis-sistema pubblika ta' assigurazzjoni tal-kreditu Portugiża, unikament sa fejn din tikkomplementa l-kopertura offruta minn assiguratur privat, qatt ma setgħet teċċedi l-ammont kopert mill-assiguratur privat. Kien f'dan il-kuntest li l-Kummissjoni ddikjarat, fil-premessa 68 tad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011, il-fatt li l-kummissjonijiet imħallsa lil-assiguraturi pubbliċi kienu inferjuri għall-kummissjonijiet applikati fuq is-suq, filwaqt li, skont il-Kummissjoni, dawn il-kummissjonijiet kellhom ikunu għola minħabba l-livell ta' riskju ogħla li ġie assunt. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ, il-Kummissjoni tallega li SACE aċċettat l-istess remunerazzjoni bħal dik ta' assiguraturi privati, għal parti mill-kopertura tar-riassigurazzjoni iktar għolja minn dik aċċettata mir-riassiguraturi privati. Għaldaqstant iċ-ċirkustanzi taż-żewġ kawżi huma interament differenti.

158 Ċertament, il-Kummissjoni ssostni, fir-risposta tagħha, li d-differenzi bejn iż-żewġ miżuri kienu irrilevanti, peress li, fiż-żewġ każijiet, l-entità pubblika li tipprovdi l-kopertura addizzjonali tassumi parti ogħla tar-riskju, fatt li normalment għandu jwassal għal primjum ta' assigurazzjoni ogħla (ara l-punt 148 iktar 'il fuq).

159 Madankollu, la din id-dikjarazzjoni u lanqas il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata ma jippermettu li jinftehmu r-raġunijiet li abbażi tagħhom, fid-dawl tal-livell tar-riskju, il-prezz tas-suq għall-kopertura tar-riassigurazzjoni mogħtija minn SACE għandu jiġi kkalkulat skont l-istess metodu bħal dak għall-prezz tas-suq għall-kopertura ta' assigurazzjoni addizzjonali mogħtija abbażi tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kreditu pubblika Portugiża. Għalhekk, id-deċiżjoni kkontestata hija nieqsa minn kull motivazzjoni fir-rigward tal-possibbiltà li tittrasponi, f'dan il-każ, f'kuntest legali interament differenti, il-metodu tal-kalkolu tal-kummissjoni stabbilit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011. Fil-fatt, fil-premessa 128 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni sempliċiment tikkonferma li "investitur raġjonevoli kien jirrikjedi li l-kummissjoni tirrifletti l-livell ogħla tar-riskju assunt", u li din il-kummissjoni "kellha tkun ogħla b'tal-inqas 10 % minn dik applikata mir-riassiguraturi privati għal parti mir-riassigurazzjoni u tar-riskju ogħla", billi tagħmel riferiment mingħajr l-ebda spjegazzjoni għall-premessi 68 u 93 tad-deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2011.

160 Sussegwentement, l-argument tal-Kummissjoni li l-metodoloġija magħżula tiffavorixxi lir-rikorrenti ma jistax jirrimedja dan in-nuqqas ta' motivazzjoni. Fil-fatt, mingħajr spjegazzjoni ċara u rilevanti marbuta ma' dan il-każ, ma jistax jiġi evalwat jekk il-korrezzjoni ta' 10 % tiffavorixxix jew tisfavorixxix lir-rikorrenti. Barra minn hekk, hija l-Kummissjoni li għandha tiddefinixxi l-miżura korrettiva

adegwata sabiex tintemm id-distorzjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-miżura kkontestata. Hija ma tistax tillibera ruħha minn dan il-kompitu sempliċiment billi tagħmel riferiment għal metodoloġija li hija tikkunsidra bħala vantaġġuża għall-benefiċjarju.

161 Isegwi li t-tieni motiv għandu jintlaqa', sa fejn dan huwa bbażat fuq l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni tal-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-ammont tal-għajnuna ta' 10 % tal-ammont tal-kummissjoni mħallsa minn Sace BT lil SACE.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq żbalji ta' evalwazzjoni u fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, fir-rigward tat-tielet u r-raba' miżura

162 Fid-deċiżjoni kkontestata (premessi 132 sa 168), il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tielet u r-raba' miżura jikkostitwixxu vantaġġ għal Sace BT, billi bbażat ruħha fuq żewġ tipi ta' kunsiderazzjonijiet. Qabel xejn hija kkonstatat prinċipalment, fil-premessi 135 sa 144 tad-deċiżjoni kkontestata, li SACE ma aġixxietx bħala investitur privat informat, sa fejn, fil-mument tal-adozzjoni tal-imsemmija miżuri, din l-impriża ma wettqitx evalwazzjoni sabiex tiddetermina jekk il-kontribuzzjoni tal-kapital addizzjonali tirrappreżentax għażla ekonomikament iktar vantaġġuża, mill-perspettiva tal-azzjonist, meta mqabbla mal-likwidazzjoni tas-sussidjarja. Għal din ir-raġuni biss, iż-żewġ kontribuzzjonijiet ta' kapital inkwistjoni għandhom, skont il-Kummissjoni, jiġu kklassifikati bħala għajnuna.

163 Sussegwentement, "sabiex tkun eżawrjenti", il-Kummissjoni kkonstatat addizzjonalment, fil-premessi 145 sa 167 tad-deċiżjoni kkontestata, li, billi wettqet paragun bejn l-għażla tal-likwidazzjoni ta' Sace BT u l-għażla magħmula ta' kontribuzzjoni ġdida ta' kapital lil din is-sussidjarja, investitur privat informat kien jippreferi jħalli lil Sace BT tfalli, jew li jbigħha jekk isib xerrej, minflok li jipproċedi bir-rikapitalizzazzjoni tagħha. Din l-analiżi turi, hija wkoll, li SACE ma aġixxietx kif kien jagħmel investitur privat.

164 Ir-rikorrenti jikkontestaw kemm l-assenza ta' analiżi ekonomiku invokat mill-Kummissjoni kif ukoll il-fondatezza tal-analiżi retrospettiv tagħha tal-profittabbiltà tat-tielet u r-raba' miżura.

165 Qabel xejn, jeħtieġ li jiġi eżaminat l-argument tal-partijiet marbut mal-kwistjoni dwar jekk SACE wettqitx analiżi ta' profittabbiltà adegwata qabel ma investiet EUR 70 miljun fil-kapital ta' Sace BT.

166 Preliminarjament, ir-rikorrenti jfakkru li jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 27 u 29 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli [107 TFUE] u [108 TFUE] u mill-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE lill-impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura (ĠU 1993, C 307, p. 3) li, waqt l-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni hija obbligata li tosserva l-marġni ta' diskrezzjoni kbira li għandu l-investitur pubbliku u li tikkonkludi favur l-eżistenza ta' għajnuna meta jkun jidher b'mod oġġettiv li l-investitur pubbliku ma kellux raġuni li jistenna raġjonevolment li l-investiment jirrendi profittabbiltà aċċettabbli, anki jekk fuq bażi twila ta' żmien.

167 F'dan il-każ, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-fatt kien hemm kriżi ma jbiddilx il-kundizzjonijiet tat-test għandu jiġi applikat.

168 Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni għandha tinvestiga bl-iktar mod oġġettiv u bl-akbar akkuratezza, ir-realtà ekonomika tas-suq u l-mod kif id-deċiżjonijiet ta' investiment ta' azzjonist ipotetiku privat kienu influwenzati mil-"livell għoli ta' inċertezza u ta' urġenza" (premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata), riżultanti mid-deterjorament tas-sitwazzjoni ekonomika dinjija mit-tieni trimestru tal-2007.

169 Fit-tieni lok, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jallegaw li, matul is-snin 2008 u 2009, fid-dawl tat-telf kbir subit minn diversi impriżi li joperaw fis-settur tal-assigurazzjoni tal-kreditu u tan-numru limitat ta' xerrejja potenzjali, l-azzjonisti ta' diversi kumpanniji, inklużi dawk barra l-Italja, wettqu kontribuzzjonijiet f'kapital. Waqt is-seduta, ir-rikorrenti allegaw b'mod partikolari f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni ma wettiqtx investigazzjoni sabiex tipparaguna, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, is-sitwazzjoni ta' Sace BT ma' dik ta' assiguraturi oħra, inkluż il-lanjant, Coface, li ġiet irrikapitalizzata f'Lulju tal-2009 u f'Marzu tal-2010 fl-ammont ta' EUR 225 miljun, wara li ġarbet fl-2009 telf li jammonta għal EUR 163 miljun.

170 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jikkontestaw l-interpretazzjoni tas-sentenza Il-Kummissjoni vs EDF *et*, punt 91 iktar 'il fuq (EU:C:2012:318), mill-Kummissjoni. Il-punt 84 ta' din is-sentenza jenfasizza n-neċessità li jittieħdu inkunsiderazzjoni iċ-"ċirkustanzi tal-każ". Għaldaqstant, l-osservanza mill-investitur pubbliku tar-rekwiżit ta' pjan ta' impriża ddettaljat, jew tal-inqas ta' data finanzjarja aġġornata li turi li l-investiment jipproduċi rendiment ekonomiku aċċettabbli, għandha tiġi evalwata billi jittieħed kont tal-kuntest ta' kriżi ekonomika u tal-impossibbiltà li jsiru previżjonijiet affidabbli.

171 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni segwiet, f'dan il-każ, approċċ dogmatiku li jikkonsisti fil-paragun tad-deċiżjonijiet ta' investitur pubbliku ma' dawk ta' investitur privat ipotetiku, ikkaratterizzat mill-adegwatezza li jipprovdi qabel xejn il-ġustifikazzjoni tal-loġika ekonomika tad-deċiżjonijiet kummerċjali tagħha, permezz tal-elaborazzjoni tal-projezzjonijiet ekonomiċi ċirkustanzjati, ta' stimi ta' profittabbiltà futura jew ta' analiżijiet spejjeż/benefiċċji ddettaljati u kkompletati, ikkorroborati fejn xieraq minn rapporti ta' konsulenti terzi. Fl-assenza ta' tali dokumentazzjoni, il-Kummissjoni kienet tikkonkludi favur l-assenza ta' razzzjonalità ekonomika tat-tranżazzjoni.

172 Issa, tali approċċ teoretiku jkunu jillibera lill-Kummissjoni minn investigazzjonijiet kumplessi dwar l-"ekonomija tas-suq", kif din tiffunzjona konkretament. Il-Kummissjoni b'hekk tittrasforma l-kriterju tal-investitur privat f'regola tal-proċedura, fatt li jmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-impriżi pubbliċi u privati, sanċit fl-Artikolu 345 TFUE.

173 Fil-ħames lok, ir-rikorrenti jammettu li, sa fejn il-kuntest ma jippermettix li jitwettqu previżjonijiet affidabbli, anki fuq bażi qasira ta' żmien, il-pjan industrijali 2010-2011 ta' Sace BT, li fuq bbażat ruħha tmexxija ta' SACE, kien jinkludi unikament previżjonijiet għal dawk is-sentejn u kien jipprevedi it-twettiq ta' baġit b'bilanċ għas-sena 2011. Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata (premessa 141) shija żbaljata sa fejn din tikkunsidra li SACE ma kkomunikatx, matul il-proċedura amministrattiva, elementi ta' informazzjoni oġġettivi u verifikabbli, li jipprovdu ġustifikazzjonijiet kummerċjali għall-adozzjoni taż-żewġ miżuri kkunsidrati.

174 Fis-sitt lok, ir-rikorrenti jsostnu li, waqt l-adozzjoni tat-tielet u tar-raba' miżura, id-diretturi ta' SACE ma bbażawx ruħhom fuq evalwazzjoni ekonomika preċiża u razzjonali tal-profittabbiltà futura ta' dawn l-investimenti, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

— wara li, fil-kuntest ta' strateġija industrijali ta' diversifikazzjoni tar-riskji assigurati mill-grupp, ikkostitwiet lil Sace BT permezz ta' investiment inizjali ogħla minn EUR 100 miljun, SACE ddeċidiet li tipproteġi l-valur tal-kontribuzzjoni f'kapital inizjali tagħha lil Sace BT, minflok li tillikwida lil din tal-aħħar u li titlef din il-kontribuzzjoni kważi kollha;

— Sace BT wettqet l-ewwel profitt mill-operat pubbliku ta' EUR 59 000, fl-2007, skont il-previżjonijiet, u bdiet tirreġistra telf biss wara l-bidu tal-kriżi, f'kuntest ekonomiku kkaratterizzat fis-settur partikolari tal-assigurazzjoni tal-kreditu minn żieda spettakolari fil-volum tad-danni u minn tnaqqis korrelattiv tal-marġni ta' solvenza tal-impriżi ppreżenti f'dan is-settur;

— F'dan il-kuntest, SACE ikkunsidrat li l-inkapaċità ta' Sace BT li tiġġenera benefiċċji qabel il-kriżi, meta din kienet għadha start-up, ma kienx jirriżulta minn problemi strutturali jew minn ġestjoni ħażina tal-impriża, jew minn problemi "sistematiċi" relattivi għas-suq tal-assigurazzjoni tal-kreditu;

— għaldaqstant SACE kkunsidrat li kien raġjonevoli li ma tirtirax mill-proġett ta' diversifikazzjoni tal-attivitajiet bilkemm imwettaq, minħabba li ċ-ċiklu ekonomiku kien negattiv u li l-investiment kien għadu ma ssaħħaħx;

— il-kontribuzzjoni kapitali inkwistjoni, li kellha tistabbilixxi mill-ġdid il-bilanċ finanzjarju tal-impriża u li tiggarantixxi s-solvenza, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni Taljana tas-settur, kellha tippermetti lil Sace BT li tibda profittabblità adegwata, bir-ritorn għan-normal tas-sitwazzjoni makroekonomika u l-implementazzjoni tal-miżuri ta' ristrutturazzjoni drakonjani tal-persunal minn Jannar 2009 — u mhux kif tallegha l-Kummissjoni fir-risposta, ta' Diċembru 2009 — waqt ir-reviżjoni tal-pjan industrijali 2010-2011 ;

— il-likwidazzjoni ta' Sace BT bil-prezz tas-suq ġiet eżaminata u mbagħad mwarrba bħala l-inqas vantaġġuża. Fil-fatt, l-interventi fil-kapital ta' Sace BT kienu jikkorrispondu għal 17.8 % tal-benefiċċji netti mwettqa minn SACE fl-2009 (u għal madwar 1.3 % tal-kapital azzjonarju tagħha). Għall-kuntrarju, il-likwidazzjoni kienet tkun ekonomikament danneġġanti, peress li kienet tiġi interpretata bħala s-sinjal ta' kriżi moħbija tat-teżor intern tal-azzjonist, fatt li kien iwassal għal degradazzjoni tal-immaġni tal-marka ta' SACE u dan kien jesponiha għal riskju ta' telf totali tal-valur jew ta' deterjorament tal-grad tagħha ferm ogħla mill-ammont ta' madwar EUR 24 miljun li jekwivali għall-kapital rimanenti stmat ta' Sace BT fl-aħħar tas-sena 2009.

175 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti kollha.

176 Il-pożizzjonijiet tal-partijiet huma diverġenti fir-rigward tar-rekwiżiti marbuta mal-elementi ta' evalwazzjoni ekonomika preliminari tal-profittabbiltà tal-investiment li għandhom jiġu pprovduti mill-investitur pubbliku kkonċernat. Għaldaqstant jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jiġi eżaminat jekk id-deċiżjoni kkontestata hijiex ivvizzjata f'dan ir-rigward minn żball ta' liġi (ara l-punti 177 sa 189 iktar 'il fuq), qabel ma jiġi vverifikat, fit-tieni lok, jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni wettqitx żball ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat li t-tielet u r-raba' miżura ma kinux konformi mal-kriterji tal-investitur privat (ara l-punti 190 sa 199 iktar 'il fuq).

177 Fl-ewwel lok, fir-rigward tar-rekwiżiti marbuta mal-investitur pubbliku, ir-rikorrenti jammettu li huwa l-investitur pubbliku li għandu jipprova li huwa wettaq evalwazzjoni ekonomika preliminari jew fl-istess ħin tal-għoti tal-vantaġġ ekonomiku. Madankollu huma jikkunsidraw li, f'kuntest ta' kriżi ekonomika gravi, investitur privat razzjonali seta' jwettaq evalwazzjonijiet ekonomiċi preliminari, preċiżi u razzjonali, anki jekk ma jistax jibbaża ruħu fuq analiżijiet ta' profittabbiltà futura.

178 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, l-elementi ta' evalwazzjoni ekonomika qabel id-deċiżjoni li jsir investiment, rikjesti min-naħa tal-investitur pubbliku kkonċernat, għandhom jiġu evalwati b'paragun mal-evalwazzjonijiet ekonomiċi li investitur privat razzjonali, li jkun jinsab f'sitwazzjoni simili, kien jagħmel qabel ma jipproċedu bl-imsemmi investiment, fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli u tal-evoluzzjonijiet prevedibbli. Il-kontenut u l-livell ta' preċiżjoni ta' tali evalwazzjonijiet jistgħu għaldaqstant jkunu dipendenti fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ, is-sitwazzjoni tas-suq u fuq ix-xena ekonomika (ara l-punt 98 iktar 'il fuq).

179 Għalhekk, f'kuntest ta' kriżi ekonomika, l-evalwazzjoni tal-elementi tal-evalwazzjoni preliminari rikjesta għandha ssir b'kont meħud, fejn xieraq, tal-impossibbiltà li jiġi previst b'mod affidabbli u ċċirkustanzjat l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u tar-riżultati tal-operaturi differenti. F'tali ċirkustanzi, l-assenza ta' pjan ta' impriża ddettaljat tas-sussidjarja, li jinkludi l-istimi preċiżi u kompluti tal-profittabbiltà futura tagħha u analiżijiet iddettaljati tal-ispejjeż/benefiċċji, ma tippermettix, waħdiha, li jiġi konkluż li l-investitur pubbliku ma aġixxiex kif kien jaġixxi investitur privat.

180 Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni li huwa għandu waqt l-evalwazzjoni ekonomika preliminari tiegħu tal-profittabbiltà ta' investiment (ara l-punt 188, iktar 'il fuq), investitur privat razzjonali iqis, bħal SACE, li d-diffikultajiet tas-sussidjarja tiegħu kienu jirriżultaw mhux minn problemi strutturali jew minn ġestjoni ħażina, iżda minn diffikultajiet ekonomiċi marbuta mas-suq ikkonċernat (ara l-punt 174 iktar 'il fuq), u jibbaża ruħu b'mod partikolari fuq il-perspettiva ta' stabbiliment bill-ġdid progressiv tas-sitwazzjoni ekonomika. Madankollu, anki f'dan il-każ, investitur privat razzjonali, li jkun jinsab fl-impossibbiltà li jwettaq previżjonijiet iddettaljati u kompluti, ma kienx jiddeċiedi li jikkontribwixxi kapitali addizzjonali f'waħda mis-sussidjarji tiegħu li tkun irreġistrat telf kbir mingħajr ma jagħmel evalwazzjonijiet preliminari, anki jekk approssimattivi, li jippermettu li jiġu dedotti probabbiltajiet raġjonevoli ta' profitti futuri, u mingħajr ma jkun analizza diversi xenarji u diversi għażliet, inkluż fejn xieraq it-trasferiment jew il-likwidazzjoni possibbli tas-sussidjarja.

181 Ċertament, skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi evalwat jekk l-intervent ta' investitur pubbliku fil-kapital ta' impriża huwiex konformi mal-kriterju tal-investitur privat, l-aġir tal-investitur privat li miegħu għandu jiġi pparagunat dak tal-investitur pubbliku ma huwiex neċessarjament dak tal-investitur ordinarju li jpoġġi kapitali bil-għan li dawn jirrendu bejn wieħed u ieħor fi żmien qasir. Dan l-aġir għandu, tal-inqas, ikun dak ta' holding privata jew ta' grupp privat ta' impriżi li jsegwu politika strutturali, globali jew settorjali, u jkun iggwidat minn perspettivi ta' profittabbiltà fuq bażi itwal ta' żmien (sentenzi tal-21 ta' Marzu 1991, Italja vs Il-Kummissjoni, C-305/89, Ġabra, EU:C:1991:142, punt 20 u Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, punt 97 iktar 'il fuq, EU:T:2014:604, punt 41).

182 Xorta jibqa' l-fatt li l-impossibbiltà li jitwettqu previżjonijiet iddettaljati u kompluti ma jistax jillibera lil investitur pubbliku milli jwettaq evalwazzjoni preliminari adegwata tal-profittabbiltà tal-investiment tiegħu, paragunabbli ma' dik li kien jagħmel investitur privat li jkun f'sitwazzjoni simili, skont elementi disponibbli u prevedibbli (ara l-punt 180 iktar 'il fuq). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirrileva ġustament li, jekk l-Istat Membru ma jwassalx għandha l-elementi ta' evalwazzjoni preliminari rikjesti, hija ma tkunx obbligata li twettaq analiżijiet addizzjonali (ara l-punt 97 iktar 'il fuq).

183 Għaldaqstant, iċ-ċirkustanza, invokata mir-rikorrenti (ara l-punt 169 iktar 'il fuq) li, matul il-perijodu kkunsidrat, numru kbir ta' kumpanniji tal-assigurazzjoni privati ġew irrikapitalizzati bil-għan li jkopru telf kbir subit minħabba l-kriżi ekonomika, ma kinitx ta' natura li teżenta investitur pubbliku bħal SACE mill-obbligu tagħha li tevalwa *ex ante* l-profittabbiltà futura tas-sussidjarja tagħha, u li tikkomunika lill-Kummissjoni l-elementi ta' evalwazzjoni preliminari adegwati (ara l-punt 182 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, ma jistax jiġi eskluż li dawn ir-rikapitalizzazzjonijiet jagħtu lok ukoll għal għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tipparaguna s-sitwazzjoni ta' Sace BT ma' dik ta' assiguraturi oħra.

184 F'dan il-każ jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni sempliċiment applikat il-ġurisprudenza ferm stabbilita li, filwaqt li hija l-Kummissjoni li għandha tapplika l-kriterju tal-investitur privat u li titlob lill-Istat Membru kkonċernat li jipprovdilha għal dan l-għan l-informazzjoni kollha rilevanti, huwa dan l-Istat Membru, jew f'dan il-każ l-impriża pubblika kkonċernata, li għandu jew għandha tipprovdi l-elementi li juru li hija wettqet evalwazzjoni preliminari tal-profittabblità tal-miżura inkwistjoni, paragunabbli ma' dik li kien jagħmel investitur privat f'sitwazzjoni simili (ara l-punti 96, 97 u 112 iktar 'il fuq).

185 Għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti (ara l-punti 171 u 172 iktar 'il fuq), dan ir-rekwiżit ma jistabbilixxi l-ebda regola proċedurali u lanqas ma jispostja l-oneru tal-prova dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat li huwa impost fuq il-Kummissjoni, iżda jobbliga biss lill-investitur pubbliku kkonċernat li jipprovdi lill-Kummissjoni bl-elementi neċessarji sabiex hija tkun tista' tivverifika jekk l-attitudni ta' din l-impriża pubblika kinitx paragunabbli ma' dik ta' investitur privat razzjonali, li kien iwettaq evalwazzjoni ekonomika preliminari bbażata fuq l-elementi disponibbli u l-evoluzzjonijiet prevedibbli, li tkun adegwata fid-dawl tan-natura, tal-kumplessità, tal-portata u tal-kuntest tat-tranżazzjoni inkwistjoni (ara l-punti 178 u 179 iktar 'il fuq).

186 Ladarba l-impriża pubblika twassal lill-Kummissjoni elementi tan-natura rikjesta, hija madankollu din tal-aħħar li għandha twettaq evalwazzjoni globali li tieħu inkunsiderazzjoni, minbarra l-elementi pprovduti minn din l-impriża, kull element rilevanti ieħor li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk il-miżura inkwistjoni hijiex konformi mal-kriterju tal-investitur privat. L-impriża pubblika kkonċernata għalhekk għandha l-possibbiltà, waqt il-proċedura amministrattiva, li tipproduċi provi addizzjonali, li jkunu ġew stabbiliti wara l-adozzjoni tal-miżura, iżda li huma bbażati fuq l-elementi li kienu disponibbli u fuq l-evoluzzjonijiet li kien prevedibbli fil-mument ta' din l-adozzjoni.

187 F'dawn il-kundizzjonijiet, hemm lok li jinċaħdu l-argumenti tar-rikorrenti bbażati, minn naħa, fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament bejn is-settur pubbliku u privat u, min-naħa l-oħra, fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-investitur privat (ara l-punti 166 u 172 iktar 'il fuq). Fil-fatt, minn naħa, sa fejn ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni ekonomika preliminari huwa intiż unikament sabiex jipparaguna l-aġir tal-impriża pubblika kkonċernata ma' dak ta' investitur privat razzjonali li jinsab f'sitwazzjoni simili, dan ir-rekwiżit huwa konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn is-settur pubbliku u privat, li jimplika li l-Istati Membri jistgħu jinvestu fl-attivitajiet ekonomiċi u li l-kapitali ipprovduti għad-dispożizzjoni ta' impriża, direttament jew indirettament, mill-Istat, f'ċirkustanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat (sentenza Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, punt 97 iktar 'il fuq, EU:T:2014:604, punt 79).

188 Min-naħa l-oħra, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandu l-investitur pubbliku, skont il-ġurisprudenza, ma tistax teżentah milli jwettaq evalwazzjoni ekonomika preliminari adegwata. Ċertament tista' ssir distinzjoni bejn l-istima tal-profittabbiltà probabbli ta' proġett, fejn l-investitur pubbliku għandu ċerta marġni ta' diskrezzjoni, u l-eżami li dak l-investitur jagħmel biex jiddetermina jekk il-profittabbiltà tidhirx li hija suffiċjenti biex iwettaq l-investiment inkwistjoni, fejn il-marġni ta' diskrezzjoni hija inqas wiesgħa, peress li t-tranżazzjoni inkwistjoni tista' tiġi mqabbla ma' possibbiltajiet oħrajn ta' investiment tal-kapital. (sentenza Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, punt 97 iktar 'il fuq, EU:T:2014:604, punt 71). Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni li għandu l-investitur pubbliku fir-rigward tal-istima ta' profittabbiltà probabbli tal-proġett ma jistax jeżenta lil dan l-investitur mill-obbligu li jwettaq evalwazzjoni ekonomika bbażata fuq analiżi tal-elementi disponibbli u tal-evoluzzjonijiet prevedibbli, li tkun adegwata fid-dawl tan-natura, tal-kumplessità, tal-importanza u tal-kuntest tat-tranżazzjoni (ara l-punti 98 u 180 iktar 'il fuq).

189 Għaldaqstant, f'dan il-każ, ma jistax jiġi allegat li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi, waqt l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-kriterju tal-investitur privat.

190 Fit-tieni lok, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni wettqitx żball ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata, li SACE ma wettqitx evalwazzjoni tal-profittabbiltà tal-kontribuzzjonijiet f'kapital kontenżjużi, paragunabbli ma' dik li kien iwettaq, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, investitur privat li jkun jinsab f'sitwazzjoni simili.

191 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-proċess, u b'mod partikolari il-verbali tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' SACE tal-1 ta' April 2009, li matulha ġiet prevista n-neċessità ta' rikapitalizzazzjoni ta' Sace BT sal-ammont globali ta' EUR 70 miljun, u tal-laqgħa tas-26 ta' Mejju 2009, li matulha ġiet adottata t-tielet miżura, marbuta ma' kontribuzzjoni ta' kapital ta' EUR 9 miljun, prodotti mill-Kummissjoni, ma fihom l-ebda elementi li jippermetti li jiġi preżunt li SACE wettqet evalwazzjoni ekonomika anki approssimattiva sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kontribuzzjoni ta' kapital addizzjonali kinitx tirrappreżenta għażla ekonomikament vijabbli. Dawn il-verbali jirreferu unikament għan-neċessità li jiġu kkostitwiti mill-ġdid l-attivi ta' Sace BT rikjesti sabiex jiġu koperti r-riżervi tal-aħħar tal-2009.

192 Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li r-rikorrenti ma pproduċew l-ebda prova dwar it-twettiq ta' evalwazzjoni ekonomika preliminari. Barra minn hekk, filwaqt li jsostnu li t-tielet u r-raba' miżura hija bbażata fuq evalwazzjoni ekonomika preċiża u razzjonali ta' profittabbiltà futura ta' dawn l-investimenti, huma ma jindikawx id-data li abbażi tagħha kienet twettqet tali evalwazzjoni, iżda sempliċiment jagħmlu allegazzjonijiet ġenerali (ara l-punt 173 iktar 'il fuq).

193 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni rrilevat ġustament li l-uniku element konkret invokat mir-rikorrenti huwa pjan ta' impriża 2010-2011, adottat mill-bord tad-diretturi ta' Sace BT fl-4 ta' Awwissu 2009. Issa, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li dan il-pjan ittieħed inkunsiderazzjoni biss waqt l-adozzjoni minn SACE tar-raba' miżura. Barra minn hekk, dan il-pjan ikopri biss perijodu ta' sentejn u ma jipprevedi l-ebda ritorn għall-profittabbiltà fuq bażi medja jew twila ta' żmien.

194 Ċertament, dan il-pjan, kif juri l-verbal tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' Sace BT tal-4 ta' Awwissu 2009, prodott mir-rikorrenti fuq talba tal-Qorti Ġenerali, kien jipprevedi li Sace BT tilħaq il-bilanċ finanzjarju fl-2011.

195 Madankollu, dan il-pjan ma jinkludi l-ebda element ta' analiżi tal-profittabbiltà tal-kontribuzzjonijiet ta' kapital. Barra minn hekk, filwaqt li jipprovdi wkoll għal titjib notevoli tal-indizji marbuta mal-assigurazzjoni tal-kreditu ta' Sace BT, li jippermetti li jintlaħaq dan il-bilanċ finanzjarju, dan il-pjan kien jipprovdi biss numru ridott ta' indizji finanzjarji determinanti u ta' ċifri għas-snin 2010 u 2011, li jippermettu li jsostnu din l-istima. Dan ma kien jinkludi l-ebda informazzjoni preċiża marbuta mal-modalitajiet ta' tnaqqis tal-ispejjeż u ta' evalwazzjoni tar-riskji, u kien jagħmel riferiment b'mod ġenerali, għas-sena 2010, għaż-żamma ta' politika ta' selezzjoni tar-riskji u, għas-sena 2011, għall-previżjoni ta' titjib tas-sitwazzjoni ekonomika u tas-suq.

196 Barra minn hekk, mill-pjan ta' impriża 2010-2011 ta' Sace BT, kif ukoll mill-verbal tal-laqgħa tal-bord tad-diretturi tagħha tal-4 ta' Awwissu 2009, jirriżulta li l-għanijiet ta' Sace BT kienu ċċentrati fuq l-implementazzjoni ta' linja politika kompetittiva maħsuba sabiex iżżid il-parti tas-suq ta' din il-kumpannija, li kienet ta' 8.2 % fl-2008, bil-għan li tintlaħaq parti tas-suq ta' 15 % fl-2011.

197 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fl-assenza ta' kull previżjoni oħra li Sace BT tista' tiġġenera benefiċċji wara l-2011, tal-inqas fuq bażi itwal ta' żmien, il-Kummissjoni setgħet tqis ġustament li l-elementi ta' evalwazzjoni preliminari inklużi fil-pjan ta' impriża u fil-verbal imsemmija iktar 'il fuq ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kriterju tal-investitur privat.

198 Fil-fatt, anki jekk jiġi ammess li investitur privat li jkun jinsab f'sitwazzjoni simili seta' jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li t-telf subit minn Sace BT kien ta' natura temporanja u sa fejn ibbażat fuq titjib progressiv tas-sitwazzjoni ekonomika, jagħti privileġġ fuq bażi qasira ta' żmien liż-żieda tal-partijiet tas-suq lis-sussidjarja tagħha, xorta jibqa' l-fatt li dan kien iwettaq evalwazzjoni iktar rigoruża tar-razzjonalità ekonomika tal-kontribuzzjonijiet kontenzjużi ta' kapital, fid-dawl tan-natura u tal-portata ta' dawn it-tranżazzjonijiet, bil-għan li jevalwa l-perspettivi ta' profittabbiltà tas-sussidjarja tiegħu fuq bażi itwal ta' żmien u, f'każ ta' stimi sodisfaċenti, anki mingħajr ma jistabbilixxi stima tal-ispejjeż ta' likwidazzjoni tas-sussidjarja tiegħu (ara l-punt 161 iktar 'il fuq).

199 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat li, fl-assenza ta' evalwazzjoni ekonomika preliminari adegwata tal-profittabbiltà tagħhom, iż-żewġ kontribuzzjonijiet ta' kapital inkwistjoni ma kinux konformi mal-kriterju tal-investitur privat (ara l-punt 182 iktar 'il fuq).

200 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-fondatezza tal-evalwazzjoni retrospettiva addizzjonali li l-Kummissjoni għamlet, sabiex tkun eżawrjenti, tal-profittabbiltà tal-kontribuzzjonijiet ta' kapital inkwistjoni inkonnessjoni mal-għażla tal-likwidazzjoni (ara l-punti 163 u 164 iktar 'il fuq).

201 Isegwi li l-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi annullat (ara l-punt 161, iktar 'il fuq). Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

**Fuq l-ispejjeż**

202 Skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti Ġenerali tista' taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom. L-Artikolu 84(4) tal-istess regoli jipprovdi li l-Istati Membri fil-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Peress li ż-żewġ partijiet tilfu parzjalment fil-motivi tagħhom, jeħtieġ li kull parti tiġi kkundannata għall-ispejjeż proprji tagħha, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

Taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/525/UE, tal-20 ta' Marzu 2013, dwar il-miżuri SA.23425 (11/C) (ex NN 41/10) implimentati mill-Italja fl-2004 u l-2009 favur is-Sace BT SpA, huwa annullat.**

2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

3) **Servizi assicurativi del commercio estero SpA (SACE) u Sace BT għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.**

4) **Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.**

5) **Ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.**

Van der Woude  Wiszniewska-Białecka  Ulloa Rubio

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Ġunju 2015.

Firem

# Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . . . . . . . . 2

Avviż dwar l-assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni . . . . . . . . . . 2

SACE . . . . . . . . . . 2

Sace BT . . . . . . . . . . 4

Il-proċedura amministrattiva u d-deċiżjoni kkontestata . . . . . . . . . . 4

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . . . . . . . . 5

Id-dritt . . . . . . . . . . 6

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' imputabbiltŕ tal-miżuri kkontestati lill-Istat Taljan . . . . . . . . . 6

a) Kriterji ġurisprudenzjali ta' evalwazzjoni tal-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura ta' għajnuna mogħtija minn impriża pubblika . . . . . . . . . . 8

Fuq it-tieni u t-tielet motivi, relattivi essenzjalment għall-ksur tal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq u tal-obbligu ta' motivazzjoni . . . . . . . . . . 15

Osservazzjonijiet preliminari fuq il-ġurisprudenza marbuta mal-kriterju tal-investitur privat fl-ekonomija tas-suq. . . . . . . . . . . 15

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq żbalji ta' evalwazzjoni u żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, kif ukoll fuq l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni, fir-rigward tat-tieni miżura . . . . . . . . . . 16

Fuq il-paragun tal-aġir ta' SACE ma' dak ta' riassiguratur privat . . . . . . . . . . 18

Fuq l-assenza allegata ta' motivazzjoni tal-evalwazzjoni tal-ammont tal-għajnuna . . . . . . . . . . 25

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE, fuq żbalji ta' evalwazzjoni u fuq żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, fir-rigward tat-tielet u r-raba' miżura . . . . . . . . . . 28

Fuq l-ispejjeż . . . . . . . . . . 34